MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 551/2002/2

**A.**

**vs.**

**B u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2003 gie kjamat fil-kawza Dr Vincent Galea bhala kuratur tal-minuri C u D Sammut Alessi.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Mejju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-2 t'Ottubru 1986 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal u cioe` C ta' ghaxar (10) snin u D ta' tmien (8) snin.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu martu ta mohqrija, theddied, ecessi u ngurji gravi b'mod li l-hajja konjugali ma baqatx aktar possibbli.

Illi in oltre z-zwieg issa tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazjoni ta' l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi bil-kawza ghall-firda personali (Dok A).

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut;

2. Tafda f'idejn l-attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri C u D;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tiffissa ghall-attrici u ghall-ulied minuri fuq imsemmija;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eziztenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti li tinqasam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod, jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jedd fuq in-nofs l-akkwisti li waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici;

6. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-procedura quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili Numru 459/2002, datat l-istess digriet 18 ta’ Marzu 2002 mill-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri gew fdati f’idejn l-omm bi dritt ta’ access bi qbil bejn il-partijiet anke peress li l-istess koppja kienet qed tghix fl-istess dar. Dwar manteniment ir-ragel gie kkundannat ihallas l-ammont ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar lill-mara u mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar lit-tfal b’effett mid-data ta’ l-istess digriet b’dan li l-manteniment tal-mara kellu jieqaf wara sena sabiex l-istess attrici jkollha c-cans li ssib ix-xoghol u cahdet r-raba’ talba sabiex il-konvenut jigi mkecci mid-dar matrimonjali.

Rat id-digriet ulterjuri Numru 971/2002 datat 3 ta’ Gunju 2002 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fejn l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia tat access lill-missier ghall-uliedu kull nhar ta’ Erbgha mill-4.00.p.m. sas-7.30.p.m. u kull nhar ta’ Hadd bejn id-9.00.a.m. u 12.30.p.m. (a fol. 36 sa 38 tal-process) .

Rat ir-rikors (1) tal-attrici tat-13 ta’ Mejju 2002 fejn talbet li tigi nominata *child psychologist* bhala espert fil-kawza f’ismijiet premessi.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-23 ta’ Mejju 2002.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Mejju 2002 fejn f’dak l-istadju cahdet it-talba b’dan li ghall-ebda raguni l-partijiet m’ghandhom jghaddu kummenti fin-negattiv fuq l-iehor fil-presenza tal-minuri u *di piu`* ma ghandu jsir xejn ta’ disgwid, inkluz ghajjat u glied fil-presenza tal-minuri.

Rat in-nota tal-konvenut tat-3 ta’ Gunju 2002 fejn ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-3 ta’ Gunju 2002 a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici u ghalhekk qieghed jipprocedi permezz tas-segwenti kontro-talba;

2. Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, eccessi, sevizzi, minaccji w ingurji gravi kontra l-eccipjenti, kif jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 25 u 26 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut B** datata 3 ta' Gunju 2002 a fol. 26 *et sequitur* tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (2) ta' Ottubru 1986 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg (2) t'itfal, u cioe` C ta' ghaxar (10) snin u D ta' tmien (8) snin, li ghalhekk ghadhom minuri;

Illi l-attrici rikonvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-konvenut ta' adulterju, eccessi, sevizzji, minaccji w ingurji gravi;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kopja ta' liema tinsab annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. "A", u l-konvenut gie b'effett ta' l-istess digriet u bl-operazzjoni ta' **artiklu 37 (3) tal-Kodici Civili** huwa wkoll intitolat jipprezenta din il-kontro-talba;

Illi il-konvenut rikonvenzjonant talab li l-attrici rikonvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta, fosthom adulterju, eccessi, sevizzji, minaccji w ingurji gravi u ghaliex z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C u D f'idejn il-konvenut u tistabbilixxi dritt ta' access ghall-attrici rikonvenuta;

3. Tiffissa manteniment ghall-imsemmija minuri skond il-mezzi ta' l-attrici rikonvenuta u l-htigijiet ta' l-istess minuri, liema manteniment ikun pagabbli mill-attrici fil-jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Ixxolji u tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Prevja n-nomina ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi ezistenti fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Tassenja n-nofs indiviz ta' l-imsemmija assi lill-konvenut, bin-nomina ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

7. Tillikwida l-assi parafernali tal-konvenut u tassenjahom lill-istess konvenut;

8. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata tat-13 ta' Gunju 2002 a fol. 31 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg tkisser pero` dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Illi t-tieni talba tal-konvenut ghandha tigi michuda *stante* li jkun l-ahjar interess tat-tfal li jigu fdata fil-kura u kustodja ta' ommhom.

3. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda.

4. Illi s-sitt, seba' u tmien talba ghandhom jigu michuda *stante* li huma rritwali.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata a fol. 31 u 32 tal-process.

Rat ir-rikors (2) tal-attrici tat-28 ta' Awissu 2002 fejn talbet lill-Qorti biex tornda li l-Erbgha 4 ta' Settembru 2002, l-ulied jibqghu ma' l-omm, biex ikunu prezenti ghad-*"Diabetic Children's Camp*" f'Ghawdex, u biex *in vista* tad-data tal-*camp* tiddeciedi dan ir-rikors b'urgenza.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-3 ta' Settembru 2002.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament ippresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph R Micallef tat-3 ta' Settembru 2002 fejn laqa' t-talba w ordna li l-access li l-intimat sejjer jitlef minhabba li l-minuri se jkunu mar-rikorrenti fl-4 ta' Settembru 2002, jigi minflok moghti lilu fis-7 ta' Settembru 2002, fl-istess hinijiet.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti tas-27 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-attrici - b'terminu ta' 40 gurnata. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lill-Dr. Mark Chetcuti w ordnat lill-istess Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits attrici jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici. Inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut - b'terminu ta' erbghin (40) gurnata.

Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex wara t-terminu tal-affidavits tal-konvenut jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut, kollox fil-mori ta' dan id-differiment u wara dan minn issa l-Perit Legali gie awtorizzat li jirrelata, a spejjez provizorjament attrici. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Novembru 2003 ghar-rapport.

Rat ir-rikors (3) tal-attrici tal-20 ta’ Marzu 2003 fejn talbet li l-konvenut jerga’ jibda jhallas manteniment ghaliha.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-21 ta’ Marzu 2003 fejn ordnat qabel xejn lill-attrici tiddikjara b’nota fi zmien jumejn jekk aderixxietx ruhha mad-digriet tal-affidavits tas-27 ta’ Novembru 2002. Ordnat wkoll lill-attrici tipprezenta nota guramentata skond id-digriet hawn anness (fil-qasir) u fl-ahhar nett ordnat lill-istess attrici tindika lill-Qorti permezz ta’ nota guramentata fi zmien jumejn mill-lum, tindika t-tentattivi li ghamlet sabiex issib impjieg skond id-digriet tas-Sekond’Awla.

Rat in-nota tal-konvenut **B** tal-5 ta’ Mejju 2003 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attrici tat-8 ta’ Mejju 2003 fejn irriservat il-kontro ezami tal-konvenut.

Rat ir-rikors (4) tal-attrici tal-14 ta’ Mejju 2003 fejn talbet lill-Qorti biex il-Perit Legali jigi awtorizzat izomm zewg seduti ohra ghall-konkluzjoni tal-provi attrici.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Mejju 2003 fejn laqghet it-talba kif dedotta, b’dan li wara dan id-digriet il-provi attrici qed jigu minn issa dikjarati maghluqa.

Rat in-nota tal-konvenut **B** tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 79 sa 81).

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut tas-26 ta’ Mejju 2003 fejn talab li jigi varjat id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u b’dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D tigi fdata f’idejn l-esponent, talab li jigu ffissata modalitajiet ta’

access ghall-istess minuri favur l-attrici; kif ukoll talab li l-attrici tigi allontanata mid-dar matrimonjali u prezenta numru ta' ritratti.

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 2003 fejn inghata digriet ta' nota guramentata b'terminu ta' ghaxar (10) t'ijiem u fil-qasir. Gie ordnat li l-konvenut jipprezenta l-affidavits kollha tax-xhieda tieghu, kull affidavit mhux iktar minn erba' faccati fi zmien 40 jum. Kif jitlesta kollox fit-terminu stipulat, jinnotifika l-istess atti kollha u r-rikors lill-kontroparti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat in-nota guramentata tal-konvenut tad-9 ta' Gunju 2003.

Rat ir-risposta tal-attrici tat-8 ta' Lulju 2003.

Rat id-digriet finali tal-Qorti tad-9 ta' Lulju 2003 fejn giet ordnata l-kjamat fil-kawza tal-Avukat Dr Vincent Galea bhala kuratur tal-minuri C u D a spejjez tal-konvenut. Giet ordnata n-notifika tac-citazzjoni attrici lill-kuratur deputat b'20 gurnata zmien ghan-nota tal-eccezzjonijiet u notifika ta' dan id-digriet lill-istess kuratur deputat. Giet nominata a spejjez tal-konvenut is-*social worker* Therese Micallef sabiex taccedi fuq il-post fejn qed jghixu l-ulied u l-ambjent li fih jghixu, u tipprezenta rapport dwar l-istess mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata.

Rat ir-rikors (5) tal-attrici tat-18 ta' Gunju 2003 fejn talbet lil din il-Qorti biex ir-rikors jigi trattat b'urgenza; li tisma' lill-minuri C Sammut Alessi; tahtar psikologu biex jezamina l-kaz u jaghmel ir-rapport opportun; tordna li sakemm jithejja r-rapport l-access tal-konvenut jigi ezercitat taht supervizjoni kif ukoll tordna li fil-mori tal-proceduri l-esponenti w uliedha biss ikollhom dritt li jghixu fid-dar matrimonjali u prezentat rapport tal-Agenzija Appogg.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-30 ta' Gunju 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Lulju 2003 fejn estendiet in-nomina tas-*social worker* Therese Micallef bid-digriet

tad-9 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet premessi ghal dan il-kaz ukoll.

Rat in-nota tal-konvenut tal-20 ta' Gunju 2003 fejn permezz taghha prezenta l-affidavit ta' **Marie Josette Gauci** (fol 99 u 100).

Rat ir-rikors (6) tal-attrici tal-25 ta' Gunju 2003 fejn talbet lill-Qorti tinnomina esperti teknici biex jaghmlu stima tal-valur ta' l-assi fuq imsemmija.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-26 ta' Gunju 2003 fejn gie nnominat il-Perit Tekniku Valerio Schembri sabiex jaghmel stima tad-dar u l-*garage* a spejjez provizorjament attrici. Dwar il-mobbli tordna lill-attrici sabiex telenka l-istess, u fejn jinsabu b'nota fi zmien hames t'ijiem mill-lum bin-notifika lill-kontroparti li jkollu hames t'ijiem biex jipprezenta nota responsiva.

Rat in-nota tal-attrici tat-3 ta' Lulju 2003.

Rat id-digriet finali tas-6 ta' Ottubru 2003 fejn din il-Qorti nnominat a spejjez attrici lill-Vincent Ciliberti sabiex jaghmel stima tal-effetti mobbli kollha ndikati mill-attrici u li jigu indikati mill-partijiet, u ghal dan l-iskop il-konvenut ghandu b'nota fi zmien hames t'ijiem min-notifika ta' dan id-digriet mill-attrici jipprezenta nota dwar tali mobbli.

Rat in-nota tal-attrici **A** tal-25 ta' Gunju 2003 fejn prezentat l-affidavits taghha stess (fol 112 sa 122), ta' **Josette Testa** (fol 123 u 124), ta' **Marie Testa** (fol 125 sa 128), u **Edith Bonanno** (fol 129 u 130).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut kuratur ghall-minuri Dr Vincent Galea tad-19 ta' Settembru 2003 fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz f'dan l-istadju u ghalhekk qieghed jirriserva minn issa d-dritt tieghu li jressaq dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut kuratur deputat.

Rat ir-rapport tas-*social worker* Therese Micallef tat-30 ta’ Settembru (a fol 140 sa 144) datat 3 ta’ Ottubru 2003.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenut b'ghoxrin (20) gurnata mid-data tad-digriet u ordnat lill-Perit Legali sabiex jiffissa tlett seduti (jekk mhux gja ffissati) ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet, liema seduti ghandhom jinzammu sa l-ahhar ta' Jannar 2004. Il-Qorti ordnat li r-rapporti jithallsu mmedjatament. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Dicembru 2003 ghall-hlas u konferma tar-rapporti. Il-Qorti ssuggeriet lil Dr Vincent Galea jzur il-fond fejn qed jghixu l-minuri.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku Vincent E Ciliberti fejn talab li l-Qorti tidderigieh peress li ma kienx possibbli li jaghmel l-access minhabba ragunijiet ta’ igene u wkoll minhabba l-fatt li l-attrici baqghet ma prezentatx il-lista ta’ l-effetti mobbli kif ordnat mill-Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn giet ordnata n-notifika lill-attrici bi zmien jumejn ghar-risposta b’dan li ghandha taghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex il-Perit Tekniku jkun jista’ jaqdi l-inkarigu tieghu.

Rat in-nota tal-konvenut tat-28 ta’ Novembru 2003 fejn prezenta l-affidavits ta’ **AIC Joseph Genovese** (fol 161 sa 163) u ta’ **Louise Sammut Alessi** (fol 164 sa 165).

Rat il-verbal tal-10 ta’ Dicembru 2003 fejn is-*social worker* Therese Micallef halfet ir-rapport. Il-Qorti tat zmien lill-attrici sabiex f’terminu ta’ hmistax (15)-il gurnata mid-data ta’ l-istess digriet trendi l-post dicenti mhux biss biex ighixu l-minuri fih, izda wkoll biex ikun jista' jeccedi l-Perit Tekniku Vincent Ciliberti. Il-konvenut obbliga ruhu li bl-ebda mod m’hu ser jimpedixxi lill-attrici li tnaddaf l-istess post u li dan jinzamm nadif. Il-Qorti wara li tigi nfurmata

mill-attrici li aderixxiet ruhha ma' l-istess, ghandha taccedi fl-istess post. Is-*social worker* Therese Micallef ghandha timmonitorja l-istess inkarigu. Dr Vincent Galea ghandu jivverifika l-ambjent fejn qed jghixu l-minuri *in vista* tad-digriet odjern. Il-Perit Legali nforma lill-Qorti li sad-19 ta' Jannar 2004 il-partijiet jghalqu l-provi. Il-Qorti awtorizzatu biex wara tali data jghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Marzu 2004 ghall-hlas u konferma tar-rapport tal-AIC Valerio Schembri u tal-Perit Vincent Ciliberti.

Rat ir-rikors ta’ (6) Josette u Marie Testa tat-12 ta’ Jannar 2004 fejn talbu li jigu awtorizzati biex jixhdu f’dati differenti.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Jannar 2004 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Marzu 2004 fejn Dr Doreen Clarke ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li hemm seduta wahda ffissata ghat-23 ta' Marzu 2004 ghall-konkluzjoni tal-provi, wara l-Perit Tekniku jkun jista' jirrelata. Il-Qorti semghet il-pretensjonijiet tal-partijiet. Il-Perit Ciliberti ghandu jistma l-oggetti kollha ndikati mill-partijiet. Il-kawza giet differita sabiex jigi prezentat ir-rapport tekniku ghall-ahhar darba ghat-12 ta' Mejju 2004 b'dan li l-konvenut ghandu fi zmien sebat ijiem mill-lum jipprezenta rendikont tal-introjtu tieghu f'dawn l-ahhar hames snin.

Rat in-nota ta’ B tat-22 ta’ Marzu 2004 fejn prezenta l-*audited accounts* tal-kumpanija li kien jopera tahtha, BSA LTD (fol 195 sa 200)

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Mark Chetcuti, fosthom dak tal-24 ta’ Frar 2003, tal-5 ta’ Marzu 2003, ta’ l-1 t’April 2003 fejn xehed il-konvenut **Mario Sammut Alessi**, tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu **Dr Nives Griscti** in raprezentanza tal-APS Bank, **Paul Gambina**, *Manager* tal-Bank of Valletta p.l.c. (li prezenta wkoll xi dokumenti (fol 231); tas-26 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu **Paul Gambina,** *Manager* tal-Bank of Valletta, **Catherine Fenech**, *Supervisor* tal-HSBC, u

**James Duca**, rapprezentat tal-APS Bank; tal-15 t'Ottubru 2003 fejn xehdu **Josette Gauci**, **PC1141 Noel Tanti** u **Josette Gauci**, riprodotta; tat-3 ta' Novembru 2003 fejn xehdu **Mario Sammut Alessi**, **Edwin Cassar**, u **Fiona Lawson**; numru ta' dokumenti esebiti waqt dawn is-seduti (fol 240 sa 286); tat-13 ta' Jannar 2004 fejn xehdet **Josette Testa**; tad-19 ta' Jannar 2004 fejn xehdu **Amanda Embley** u **Marie Testa**; tat-23 ta' Marzu 2004 fejn xehed **Charles Bonanno** li prezenta xi dokumenti a fol 194 u 295.

Rat in-nota tal-attrici fejn prezentat numru ta' dokumenti (fol 297 sa 379).

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 2004 fejn Dr Doreen Clarke ghall-attrici prezenti nfurmat lill-Qorti li l-provi jinsabu maghluqa u qed jistennew ir-rapport tekniku ta' Vincent Ciliberti, filwaqt li l-Perit l-iehor Valerio Schembri gie mhallas. Il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma taz-zewg rapporti teknici ghall-10 ta' Gunju 2004.

Rat in-nota tal-kontendenti konjugi Sammut Alessi fejn ftehmu li l-Perit AIC Valerio Schembri jista' jahlef ir-rapport tieghu fir-Registru.

Rat il-verbal tal-10 ta' Gunju 2004 fejn il-Perit Tekniku Vincent Ciliberti li halef ir-rapport. Il-Qorti nnotat li r-rapport ta' Therese Micallef ipprezentat fis-7 ta' Novembru 2003 m'huwiex fil-process u ordnat li l-istess jigi nserit fl-atti tal-kawza. Prevja li jigi kkonfermat ir-rapport tekniku tal-Perit Valerio Schembri l-kawza giet differita ghar-rapport legali ghat-13 ta' Ottubru 2004. Aktar tard deher il-Perit Tekniku li halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri (fol 385 sa 394).

Rat ir-rapport tal-Perit Stimatur Vincent Ciliberti (fol 399 sa 405).

Rat il-verbal tat-13 t'Ottubru 2004 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghat-3 ta' Frar 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2005 fejn deher il-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti li halef ir-rapport. Dr Doreen Clarke ghall-attrici talbet li teskuti l-Perit Legali u lis-*social worker* Therese Micallef. Il-Qorti ordnat lill-attrici tipprezenta nota bil-mistoqsijiet fi zmien hmistax (15) u tinnotifika bihom lill-Esperti u l-kontroparti u l-Esperti ghandhom jirrelataw bil-miktub fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika lilhom, kollox a spejjez attrici. Il-kuratur tal-minuri ghandu javvicina lill-minuri u jindika lill-Qorti x-xewqat taghhom. Il-kuratur ghandu jkellem lit-tfal separatament. Il-Qorti tirriserva li tkellem lill-minuri hi. Il-kawza giet differita biex jigu kkonfermati r-risposti tal-Esperti ghad-19 ta' Mejju 2005 wara l-10:00am.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Mark Chetcuti (fol 428 sa 448) pprezentat fl-17 ta' Awissu 2004 u mahluf fit-3 ta' Frar 2005.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenut tat-12 ta' April 2005 fejn talab li l-Qorti tiddikjara l-perizja maghluqa, in kwantu l-Perit Legali m'ghandux aktar x'jirrelata dwaru u ghalhekk thalli l-kawza biss ghall-konferma tar-risposta tal-kuratur tal-minuri.

Rat ir-risposta tal-attrici tat-22 ta' April 2005.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-26 ta' April 2005 fejn cahdet it-talba b'dan li tali nota ghandha tigi notifikata bl-urgenza lil Dr Mark Chetcuti li ghandu ghaxar t'ijiem zmien sabiex a spejjez tal-attrici jipprezenta r-risposta ghall-istess fir-Registru, kkonferma bil-gurament hekk kif jithallas l-ammont intaxxat mill-attrici.

Rat in-nota tal-attrici tat-22 ta' April 2005 bil-mistoqsijiet li hija tixtieq taghmel lill-Perit Legali Dr Mark Chetcuti u lis-*social worker* Therese Micallef (fol 464 sa 467).

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 2005 fejn minhabba mpediment legittimu tal-Imhallef sedenti din il-kawza giet differita ghal nhar l-Erbgha l-1 ta' Gunju 2005 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-25 ta’ Mejju 2005 fejn talbet li l-Qorti tisma’ lill-minuri C u D.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-26 ta’ Mejju 2005 fejn ordnat li ssir in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro-parti b’erba’ t’ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-21 ta’ Gunju 2005 fejn li minkejja li saret in-notifika tar-rikors u d-digriet baqghet ma giet prezentata l-ebda risposta. Ghalhekk laqghet it-talba fis-sens li l-Qorti jekk thoss li huwa opportun tikkomunika mal-minuri qabel l-istess sentenza u tinforma b’dan lill-istess minuri *tramite* d-difensuri.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Gunju 2005 fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors ta' l-attrici datat 20 ta' Marzu 2003, Dr Doreen Clarke iddikjarat li l-istess gie sorvolat; il-Qorti ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess. Dr Aaron Mifsud Bonnici b'referenza ghar-rikors datat 26 ta' Mejju 2003, *in vista* tal-istadju matur tal-process iddikjara li mhux qed jinsisti ghall-provediment. *In vista* ta' dan il-verbal il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess rikors. Dr Doreen Clarke tirrinunzja ghad-domandi li kellha taghmel lis-*social worker* Therese Micallef. Il-kuratur tal-minuri nforma lill-Qorti li huwa bhala fatt qatt ma tkellem mal-minuri dwar l-irqad taghhom mal-missier. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti ukoll li r-rikors tal-Perit Tekniku tat-13 ta' Novembru 2003 gie llum sorvolat. Il-Perit Legali msejjah diversi drabi baqa' ma deherx ghalkemm saru l-10.40am. Id-difensuri qablu li t-twegibiet tal-Perit Legali jistghu jigu mahlufa fir-Registru u l-Qorti tawtorizzah li jaghmel dan, b'dan li jinforma lid-difensuri bid-data meta jkun inhalef ir-rapport. Il-Qorti fil-limitazzjonijiet taghha spjegat lill-partijiet xi jfisser l-interess tal-minuri u f'dan il-kaz thoss li fuq kollox u qabel kollox il-minuri jaraw lill-genituri almenu jaqblu fuq dak li jikkoncerna lilhom. Il-Qorti qed tamonixxi lill-genituri biex ma jkomplux idahlu lill-uliedhom fil-piki esagerati ta' bejniethom, haga li jidher li ilhom jaghmlu, anke biss mir-risposti tal-Perit Legali. Dr Doreen Clarke titlob li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti tilqa' t-talba

u tipprefiggi terminu ta' 40 gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi. Il-kuratur tal-minuri jissugerixxi li l-Qorti tkellem lill-minuri, l-omm titlob l-istess u Dr Aaron Mifsud Bonnici jirrimetti ruhhu. Dr Aaron Mifsud Bonnici jissugerixxi li l-minuri jiltaqghu separatament mal-Qorti. Il-Qorti tirriserva li tkellem lill-minuri *in camera*. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005. Aktar tard deher Dr Mark Chetcuti bhala Perit Legali li halef it-twegibiet u mpenja ruhu li jinforma lill-partijiet b'dan.

Rat ir-risposti tal-Perit Legali Dr Mark Chetcuti (fol 480 sa 481) ghall-eskussjoni li saret lilu mill-attrici, tali risposti datati 29 ta’ April 2005 fejn l-istess Perit Legali kkonferma l-posizzjoni tieghu dwar il-konkluzjonijiet peritali.

Rat ir-rikors (7) tal-attrici tal-20 ta’ Lulju 2005 fejn talbet li l-minuri C Sammut Alessi tkun awtorizzata tattendi l-*Gozo Camp Weekend* mit-2 ta’ Settembru 2005 sa l-4 ta’ Settembru 2005.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-1 t’Awissu 2005.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim’Imhallef Vincent De Gaetano tat-2 t’Awissu 2005 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2005 fejn dehret l-attrici assistita minn Dr Doreen Clarke u l-konvenut assistit minn Dr Aaron Mifsud Bonnici. Il-partijiet taw ruhhom b'notifikati bis-seduta tal-lum, fejn il-Qorti kellha tkellem lill-ulied il-partijiet. Il-Qorti kellmet separatament lill-minuri D u C li ndikaw lill-Qorti x-xewqat taghhom dwar l-access anke fid-dawl tar-rapport peritali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza kif diga differita ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn iz-zewg partijiet izzewgu fit-2 ta' Ottubru 1986 u kellhom zewgt it-tfal, C li llum ghandha tlettax (13)-il sena u D li llum ghandu 11-il sena. Din hija kawza ohra missielta sew fejn kull parti akkuzat lill-ohra b'diversi allegazzjonijiet, immirati li jaghmlu hsara lill-parti l-ohra, izda l-aghar haga li reghet grat kienet li ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet uzaw lill-ulied f'dawn il-proceduri, u dan kif ser jigi ndikat aktar il-quddiem, minn parti iktar minn ohra, b'dan li saret hsara serja lill-istess minuri; ovvjament dan gie ndikat lill-partijiet minn diversi fonti w awtoritajiet, inkluz fil-pendenza ta' din il-kawza, u nkluz mis-*social worker* Therese Micallef, mill-bravu Perit Legali Dr. Mark Chetcuti, u wkoll mhux l-inqas f'kull okkazzjoni li kellha minn din il-Qorti, izda din il-Qorti thoss li dan kien kollu ghalxejn, u l-partijiet, parti iktar minn ohra, injorat l-istess twissijiet li saru lill-genituri ghall-gid ta' uliedhom stess, u fil-fatt l-istess partijiet qatt ma' semghu minn dak li kien qed jigi lilhom indirizzat b'kontinwita` – anzi f'certu cirkostanzi, specjalment fl-ambjent fejn kienu qed jghixu l-istess minuri, dan hzien tant li din il-Qorti kellha tiehu l-provedimenti opportuni anke sabiex jaccedi l-perit tekniku nominat minn din il-Qorti u wkoll ghall-*ben essere* ta' l-istess minuri, u minhabba dan kollu din il-Qorti mhux ser ikollha triq ohra hlief li tiehu l-opportuni direzzjonijiet f'dan ir-rigward fl-interess ta' l-istess minuri. Meta ser taghmel dan din il-Qorti sejra tiehu wkoll in konsiderazzjoni x-xewqat tal-minuri u tifhem l-istess f'dak li huwa nteress ta' l-istess minuri u l-influwenzi li hallew fuqhom il-genituri taghhom, u dan kemm ghal dak li huwa posittiv u kemm ghal dak li huwa negattiv.

Illi intant **l-attrici** fl-affidavit taghha tiddeskrivi lil zewgha bhala persuna possessiva, egoista ghall-ahhar, ihobb jikkontrolla lil kulhadd, rghib fil-flus ghall-familja, kattiv u manipulattiv fl-imgieba lejha u wliedhom f'okkazjonijiet vjolenti. A tiddeskrivi lil zewgha b'dan il-mod mill-episodji li hi tirrakonta taz-zwieg taghhom. Fil-fatt din il-Qorti tinnota li l-istess attrici hija persistenti hafna f'dan l-

atteggjament taghha u din hija tipika tal-mod kif hija agixxiet tul il-kawza kollha.

Illi intant l-istess **attrici** tirrakkonta li meta ltaqghet ma' Bkienet gia taf lil huh Ian u ghalkemm kellhom *partners* separati kien hemm zmien meta Ian u A kellhom relazzjoni bejniethom. Bdan ma kienx jafu u meta f'gheluq sena li kienu jafu lil xulxin hadha d-dar u ntroduciha bhala l-*girlfriend* tieghu, qaltlu bir-relazzjoni li kellha ma huh u illi din ir-relazzjoni kienet spiccat qabel bdew johorgu flimkien. Hadha bi kbira u ggieled ma huh u damu snin ma jitkellmu. Bkien ighidilha li kellu l-inkwiet id-dar ghax huh kien il-preferit tant li ommu qaltlu li lil A ma riduhiex u heddewh li jaqtghuh mill-wirt.

Illi l-istess attrici qalet li Bkellu xoghol *part time* bhala *mechanic* fil-*garage* tal-genituri tieghu w impjieg ma terzi. Hi kellha *full time job* ma kumpanija u wara li tispicca kienet tmur tghinu fil-*garage* halli jfaddlu u jixtru propjeta`. Minhabba f'hekk qatghet kull kuntatt ma hbiebha. Bpero` ma kienx lest jaghmel l-istess sagrificcji. Hi kienet tuza' l-flus kollha ghalihom pero` hu meta gietu okkazjoni jsiefer ma hbiebu ghal tlett gimghat qabad u mar. F'dan il-perjodu Ian cemplilha ghax kienet halliet il-karozza mixghula l-lejl kollu u minn hemm bdew jitkellmu u hi ppruvat tavvicina lil Ian ma huh. Fil-fatt Ian gieli cemplilha x-xoghol ghalkemm lil Bma qaltlux.

Illi l-attrici tixhed li f'xi zmien Bqalilha li applika ghall-*plot* fil-Mosta f'isimhom u kien tela' isimhom. Hi qatt ma riedet *plot* fil-Mosta, pero` billi wriha l-vantaggi fl-akkwist accettat. Il-kuntratt sar f'isem Bbiss ghaliex dak iz-zmien il-*loan* kienet tohrog fuq isem persuna wahda. Dwar l-gherusija qalet li billi c-curkett taghha sewa iktar mir-rigal tieghu riedha tohrog id-differenza hi, kif fil-fatt ghamlet. Allegat ukoll li l-konvenut ried li l-*plumbing*, dawl u drenagg jaghmluh huma biex jiffrankaw u ghalkemm kellha x-xoghol u kienu jkunu ghajjenin ikkuntenatu. F'dan il-perjodu kienu jargumentaw hafna u hasbet li dan kien dovut ghal pressjoni ta' xoghol. Aktar ma ghadda zmien, aktar Bkien ikun nervuz u argumentattiv u hu kien ighidilha li dan kien dovut ghall-pressjoni ta' xoghol u l-

hajja familjari tieghu.  Kien ikollhom kwistjonijiet dwar is-sess ghax hu ried li jkollu x'jaqsam maghha u hi ma rieditx specjalment bla kontracettivi.  Ziedet li sa sitt xhur mindu ddecidew li jizzewwgu Bma kienx qal lill-genituri tieghu u meta qalilhom ommu ma rieditux jizzewweg qabel huh Ian. It-tieg u l-ghamara saru mill-genituri taghha u Bma qaghdx lura w ordna l-oghla affarijiet.  Hi hallset ukoll ghall-*honeymoon*.  Il-flus li kellhom ghas-safar hargithom hi u kien izommhom Bu kienet titolbu biex jaghtiha xi haga u mhux dejjem taha.

Illi hi tghid li hija hasbet li fiz-zwieg il-problemi ta' qabel kienu ser imorru pero` anki fil-*honeymoon* bdew il-problemi.  Tallega li ghalkemm kellha d-deni Briedha tohrog kuljum u meta kienet tidhol tistrieh kien johrog jiekol wahdu u jigi lura u jrid ikollu x'jaqsam maghha avolja ma kienitx tkun tiflah.  Meta marru lura Malta, l-genituri ta' Btalbuh lura c-cavetta tad-dar.  L-ghada li gew mill-*honeymoon* Btalabha taghlaq il-kontijiet tal-bank f'isimha u tiddepozita l-flus f'kont f'ismu biex ikollhom il-flus kollha flimkien.  Hi ipproponiet *joint account* pero` Bma riedx.

Ill l-attrici tghid li l-karattru tieghu hareg fil-berah, ghax dahlu f'rutina li damet ghal snin shah.  Ghalih hi kienet tezisti biex tnaddaf, tahsel u taqdih kif ried hu minghajr ebda oppozizzjoni.  Ghalkemm it-tnejn kienu jahdmu, hu ma kien jaghmel xejn hlief jikkritika u jordna.  Kien jikkritikaha fuq kollox, fuq id-dar, it-tindif, l-apparenza taghha u anki l-prestazzjonijiet sesswali.  Anki kien igib *films* pornografici d-dar biex tarahom u taghmillu l-istess.

Illi fil-flus kienu sejrin tajjeb hafna u ma kellhomx kapricci. B'hekk kienu jfaddlu hafna.  Kien jirrifjuta li jmorru btala ghax ried jiftah *business*. L-attrici tixhed li sfortunatament korriet bit-tqala' darbtejn.  Fit-tielet darba kienet ser tkorri wkoll u t-tabib ordna li taghmel tmien gimghat fis-sodda. Tghid li l-konvenut qatt ma ghenha u gieli kien ighidilha li gej lura d-dar fil-5.30 p.m. u jigi fil-11.00 p.m. u jhalli lil ommha li kienet iddur biha tistenna.  Il-genituri tieghu kienu jigu nofs siegha f'gimgha.  Billi wara li qamet mis-sodda t-tabib ordna mistrieh komplet, kellha tirrizenja mix-xoghol u l-affarijiet marru ghall-aghar.  Bxorta baqa' l-

istess fil-komportament tieghu u kien f'dan il-perjodu li hu wkoll safa' bla xoghol.

Illi kien f'dan l-istadju tal-hajja taghhom li ghalhekk il-konvenut iddecieda li jkompli jahdem biss bhala *mechanic* u fethu kumpanija flimkien bl-isem BSA Limited. Meta marret ghall-ahjar Bippretenda li l-attrici kellha tghinu fix-xoghol ta' *mechanic* u hija tghid li kienet tmur tixtrilu l-*parts* taghmel il-qadi u l-*accounts*. Pero` l-attrici tghid li l-konvenut xorta baqa' jmaqdarha. Rega' kellha kumplikazzjonijiet u dahlet l-Isptar qabel iz-zmien. Bkien jigi jaraha nofs siegha kuljum biss. Meta weldet u marret id-dar kella ordni tat-tabib li tevita l-istrapazz. Gew hafna familjari d-dar u wara li telqu ppretenda li ssajjarlu, kif fil-fatt ghamlet u naddfet kollox. Hu sadanittant kiel u mar jorqod. Meta telghet fuq hasbet li ser torqod fil-kamra taghhom (peress li bil-problemi fit-tqala kien ighidilha li ma jistax jorqod biha u marret torqod f'kamra ohra) pero` qalilha li ma riedx it-tarbija tqajmu. Ghalhekk marret bit-tifla f'kamra ohra. Hu sejhilha u marret tara x'irid u ried ikollu x'jaqsam maghha. Ghalkemm kellha punti minn barra u minn gewwa ghamlet kif ried bil-konsegwenzi li nfettqulha xi punti.

Illi l-attrici tghid li t-twelid tat-tarbija ma bidlet xejn f'hajjithom. F'ghajnejh ma kienet taghmel xejn tajjeb, jghajjarha kontinwament fuq l-apparenza taghha u dak li kienet taghmel. Hi xorta baqghet tghinu anki f'xoghlu. Wara sena regghet harget tqila u ghalkemm kienet tiehu injezzjonijiet tlett (3) darbiet fil-gimgha biex issalva t-tarbija Bdan ma mpurtahx u insista li jibqghu jkollhom x'jaqsmu ma xulxin tul it-tqala u sahansitra anki wara li twieled D, tant li regghet harget tqila xahrejn wara.

Illi b'zewg t'itfal u ohra gejja hajjithom ma nbidlet xejn. Id-dar u t-tfal f'idejha biss. Hu kien jigi jiekol f'nofsinhar u allahares ma jsibx l-ikel lest u mbaghad jibqa' l-*garage* sal-11:00 p.m. fejn kien jibqa' jitkellem mal-hbieb li jingabru ghandu u joqghod jixrob u jiddeverti maghhom. F'dan iz-zmien waqfet taghmel l-*accounts*. Tghid li l-konvenut f'dan il-perjodu ried jixtri *garage* flok dak li kellu mikri u lilha ma nkludiha f'xejn. *Inoltre* fejn qabel kien jitfa

l-flus f'kont bankarju personali fejn hi kellha access, issa beda jitfa' l-flus fil-kont tal-kumpanija u gieli spiccaw minghajr ikel u hi bla flus biex tixtri. Beda wkoll jaghti l-karozza taghha lill-klijenti biex jinqdew biha sakemm taghhom tkun ghat-tiswija u hi kienet tinkwieta ghax fejn kienu joqoghdu kien daqsxejn maqtugh b'zewg t'itfal u tqala ohra.

Illi wara hames xhur tqala marret ghand it-tabib li baghtha l-Isptar ghal testijiet ghax issuspetta li t-tarbija kienet mejta. Birrifjuta li jigi maghha u hi halliet it-tfal ma ommha u marret wahedha. Giet lura u sajret bhas-soltu. Xi l-10:30p.m. hassha hazin u b'hafna tgergir Bhadha l-Isptar u halliha wahedha. Operawha u nahhewlha t-tarbija xis-2:00.a.m. Cemplet lil Bf'xi d-9:00 a.m. u hu beda jgerger ghax qajmitu u ghajjat maghha li t-tarbija mietet tort taghha.

Illi l-attrici tghid li l-hajja marret ghall-aghar. Bkien iwaqqaghha ghac-cajt quddiem il-ftit hbieb li kellhom, kien icempel id-dar jiccekkja hix hemm u jekk isib it-*telephone engaged* kien jaghmel xenata. Anki fil-konfront tat-tfal kien spiss jerfa' jdejh fuq it-tifel. Marru ghall-*counselling* izda kien kollu ta' xejn. Meta D kellu 4 snin hargitlu d-dizabilta' u xorta Bma wriex interess, halla kollox f'idejha u kienet tiehu hsieb kollox hi f'dak li huma tobba, bzonnijiet u esigenzi ghat-tifel.

Illi hi anki hadet pariri legali pero` minhabba t-tfal dak iz-zmien ma ghamlet xejn. Bpero` sar iktar suspettuz u anki beda jsir vjolenti. Ma kienx jaghtiha flus ghall-hajja *nonostanti* l-istat ta' sahha ta' ibnu D, ghalkemm hu siefer jara t-tigrijiet tal-karozzi. Tghid li l-konvenut ma kien qed juri ebda interess anqas f'uliedu, f'hajjithom, l-iskola, l-impenji taghhom. Minhabba din l-influenza negattiva hi ddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni.

Illi hija tghid li minn mindu bdew il-proceduri ta' separazzjoni, Bbiddel u harrax l-atteggjament tieghu u l-attrici tallega li dan sar specjalment mat-tfal. Tghid li qed jipprova jifred lit-tfal billi lit-tifla jghajjarha hoxna u jirrabja maghha u lit-tifel jixtrilu r-rigali. Mid-dar ha anki l-

*computer* u qata' t-*telephone*. It-tfal u hi jorqdu f'kamra wahda. Ic-cwievet tal-bibien kollha f'idejh. Tant ma jafx x'suppost jaghmel mat-tifel illi darba waqt l-access li ghandu Brian, ma tax l-ikel li suppost jiehu D u dan waqa' f'koma u ghamel jumejn l-Isptar, wara din l-okkazjoni mar fl-estrem 'l iehor u tant qed jaghtih *starch* li trid tikkontrollalu b'*injections* tal-insulina. Il-Hadd filghodu meta jkunu mieghu jehodhom ghand ommu u jaghtihom jieklu fl-10:30a.m.

Illi hi taghmel li tista' biex it-tfal ikollha relazzjoni tajba maghhom. Dahlithom fl-i*scouts* u l-*guides*. Tippartecipa fl-attivitajiet tal-*Malta Diabetic Association* pero` Bmeta jkollhom attivita fil-hin tal-access tieghu ma jehodhomx.

Illi minn naha tieghu l-konvenut **B** jallega li z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju ta' martu, in-non kuranza esagerata tad-dar u tat-tfal, l-infieq taghha, in-nuqqas ta' mgieba tajba f'ilbies u spiritwalita`. Hawn wiehed jinnota li assolutament l-istess partijiet ma jqablu f'xejn u kif ghamlet l-attrici, l-konvenut jallega li t-tort kollu tas-separazzjoni kien kollu tal-mara, kif din il-Qorti ser turi bl-allegazzjonijiet tal-konvenut, li gew anke ndikati u msemmija mill-perit legali fir-rapport tieghu.

Illi fil-fatt l-istess konvenut jirrakonta li meta wara ghaxar (10) xhur johorgu flimkien qalilha li ghalih kienet relazzjoni serja, A qaltlu li kienet tohrog ma Ian ghal zmien twil izda kien spicca kollox. Hu hadha bi kbira izda emminha. Huwa qal li bhala xoghol kien il-Bank Centrali ghal xi tlett (3) snin, wara ghamel ghaxar (10) snin ma Pantalesco u billi hass li mhux stmat beda jahdem *full time mechanic* wara li kien ilu xi ghaxar (10) snin jahdem *part time*. Apparti d-delizju tal-karozzi hu jhobb il-gnien u kien jiehu kura tal-gnien id-dar bis-sigar tal-frott. Izda huwa jghid u jallega li martu dahlet l-annimali d-dar bhal qattus u kelb u kisrulu l-gnien u l-hmieg tal-annimali jinsab kullimkien u r-riha tant tinten li ma tistax tiftah it-tieqa tal-kcina jew il-bieb tal-kamra tal-ikel. Ihobb ukoll is-sajd u kien johrog kmieni hafna l-Hadd filghodu u jigi mal-11:00a.m. biex ikun mal-familja. A pero` kienet issib din bhala skuza biex tohrog filghaxija u ddum barra sa tard. Kellu jaqta' s-sajd biex

jiehu t-tfal il-quddies ghax wara l-mewt ta’ missierha, hi ma baqghetx tmur Knisja.

Illi l-istess konvenut sostna li fl-1982 applika u ha *plot* tal-gvern biex jibni d-dar. Il-pjanti ghamilhom zijuh u xi xoghlijiet ghamilhom kollha hu minn flusu. Billi sab ruhu f’diffikultajiet finanzjarji wara li ha self mill-Lohombus ta’ xi erba’ t’elef lira Maltin (Lm4,000), talab lil A tghinu u rrifjutat ghax qaltlu hi riedet tixtri l-affarijiet ghad-dar. Fil-fatt xtrat il-kamra tal-pranzu u s-salott biss ghaliex hu spicca xtara l-kamra tas-sodda u l-genituri tieghu tawh il-*living room*. Wara li zzewwgu A baqghet tahdem u tiehu hsieb id-dar u tlahhaq ma kollox. Waqfet tahdem meta twieldet it-tifla C.

Illi rigward l-ewwel tarbija hu xehed li ghamel minn kollox biex jiehu hsieb u jkun ma martu billi t-tabib ordnalha toqghod fis-sodda avolja kien maqbud bix-xoghol. Kien jiehu hsieb it-tarbija meta twieldet. *Inoltre* il-hajja sesswali spiccat fix-xejn u sa xhur wara martu kienet tilmenta minn ugiegh. Qal li martu kienet tghajru li hu jfittex sess biss. Hu oggezzjona meta martu riedet traqqad lil C bejniethom ghax beza’ li jifgahha u ghalhekk martu marret bit-tifla torqod f’kamra ohra. Fl-ahhar tas-sena 1992 A regghet harget tqila, tqala li ma kienitix wahda difficli izda xorta kienet tpejjep kontra l-ordni tat-tabib. Din it-tarbija wkoll twieldet b’diffikultajiet fin-nifs u nieqsa mill-piz. Wara li twieled D, qatghet kull komunikativa mieghu u hadet lit-tifel u t-tifla f’kamra ghalihom. B’hekk skond l-istess konvenut ir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom spiccaw.

Illi wara xi sena mit-twelid ta’ D regghet harget tqila u din hasbitu ghax kien ilha zmien ma tersaq lejh. Pero` zamm id-dubju ghalih. Hi baqghet tpejjep bhas-soltu u aktar. Wara xi erba’ xhur giet il-*garage* u quddiem in-nies qaltlu *“issa kuntent li t-tarbija mejta?”*. Meta D marad bid-dijabete hi marret ma’ D l-Isptar u hadet hsiebu filwaqt li hu ha hsieb C. Il-marda tieghu firdithom aktar. D kien ixarrab is-sodda u A ma kienitx tbiddillu l-lozor u thallih bir-riha tant li kellhom ibiddlu l-mitrah u l-qadim hallietu fil-verandah jitmermer. Biex jirritalja wara xi kastig, D kien jaghmel fuq it-tapit. Dan it-tapit mahmug ukoll spicca fil-verandah u issa A regghet dahlitu gewwa. D hu

vendikattiv u meta ma jiehux li jrid, iqaccat il-purtieri, jikteb fuq il-mobbli w iwaddab zebgha fuq il-hitan. Meta kien jghid lil A li qed jaghmel ir-rih biha, kienet tinfexx fih flok tikkoregi lit-tifel. Hu dejjem habb it-tfal l-istess u kkoregihom skond il-bzonn minghajr preferenzi minhabba d-dijabete ta' D. Il-korrezzjoni ma tinkludix swat bhal ma taghmel A.

Illi meta ghamel il-precett D gieli skarta l-lezzjonijiet tad-duttrina. Issa li wasal biex jaghmel il-Grizma, rega' qed jaghmel l-istess u dan jafu ghax sab ittra tal-Kappillan li A ma wrietux. Illi l-konvenut jallega li A baghtet lil C titghallem il-pjanu ta' hames snin u dan ghax it-tifla ta' huh bdiet tattendi wkoll. Riedet tixtrilha pjanu gdid ghax qalet li hekk issuggeriet l-ghalliema tal-pjanu pero` dan ma kienx minnu. Madankollu xorta xtrat pjanu gdid u jithallas mill-*joint account*. C ghamlet erba' (4) snin tmur lezzjonijiet u waslet biss sa Grade 1 ghax wehlet darbtejn. Anki lil D baghtet ghall-pjanu. Illum waqfet il-lezzjonijiet kemm lil C u kemm lil D. A qaltlu li hallset il-kambjali kollha tal-pjanu izda fl-2001 ircieva ittra minghand l-avukat tad-ditta mnejn inxtara l-pjanu fejn irrizulta li kien fadal dejn ta' tlett mija u disa' lira Maltin (Lm309).

Illi martu bdiet proceduri ta' separazzjoni fit-18 ta' Marzu 2002. Sa lejliet kienu ghadhom jorqdu fl-istess kamra izda lejliet garret kollox f'kamra ohra u ma hallietlu xejn hlief kutra rqiqa fuq is-sodda. Xi xahrejn wara meta mar jara lil ibnu li semghu jivvomita fil-kamra tal-banju, martu bdiet tghajjru u tkellmu baxx u oxxen quddiem uliedu. Ftit ta' zmien wara anki t-tifla C marret torqod fl-istess kamra ta' ommha flimkien ma huha D wkoll. Dan ghaliex hu kellu l-abitudni li qabel ma johrog imur fil-kamra u jbusha u jkellimha ftit. Dakinhar ommha instemghet tgerger u C tellghet il-friex ma ghonqha u meta staqsiha ghalfejn kienet ghamlet hekk irrispondiet li ommha qaltilha tilbes dicenti quddiem missierha. Hu nduna li A kienet qed tipprova taqtghu mit-tfal. Meta talab access ghat-tfal mill-Qorti u l-Qorti akkordat granet u hinijiet ta' access A qalet lit-tfal li missierhom ried jara lil uliedu biss f'certi granet u hinijiet.

Illi mit-twelid ta' C r-relazzjoni ta' bejniethom marret lura. Kienet tigdiblu u turih li l-iskop tieghu kien li jaghtiha l-flus u *handyman* ghad-dar. Darba A rebhet zewg biljetti ghal Sqallija u riedet li Bimur bit-tifla. Meta issuggerixxa li jixtri zewg biljetti ohra u jmorru flimkien, irrifjutat. F'April 2001 heggitu jmur jara t-tigrijiet tal-karozzi fi Spanja u ghalkemm kien ma jiflahx u ftit marsus fil-flus geghlitu jmur. Kien icempel kuljum id-dar pero` qatt ma sabha hemm. Illi huwa qal li mindu bdiet il-firda ma fdahiex izjed u beda jirrikordja t-telefonati taghha fuq in-numru tad-dar. A sgassatlu l-kexxun u sabitlu r-*recorder* fis-16 ta' Frar 2002. Anki sabet il-*password* tal-*computer* u kienet tiftahlu l-*computer* u taqralu l-korrispondenza. Kienet ticcekkjalu l-*mobile* w ittrasferiet kollox fuq taghha. Meta nduna dahal fil-*mobile* taghha u sab messagg libidenuz minghand huh Ian. Dan kien fl-ahhar ta' Awissu 2001.

Illi qal li fl-1993 akkwista bini ghax-xoghol ta' *mechanic*. Il-genituri tieghu selfuh sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) li l-genituri qalulu li ser inaqqsuhomlu mill-eredita` tieghu. Il-flus nefaqhom kollha fix-xiri u fil-bini tal-ewwel pjan. Il-kumplament tax-xoghol ghamlu kollu hu.

Illi meta l-firda bejni u marti kibret A qabdet mal-hbieb li kienu jigu ghandhom jew hi tmur ghandhom. Kienet tqatta granet jitkellmu, ipejpu jew jixorbu. Semma l-hbiberiji li kellha ma Edith Bonanno; ma' Gordon Wood li kien jinnamra ma A qabel ma kien jafha hu u illi kienu jiltaqghu meta jigi Malta mill-Awstralja u kellu suspetti minn ittri miktuba fl-1997 minn Gordon lil A li fil-fatt kien ghadu jinnamra maghha; ma mara Ingliza jisimha Fiona, gara taghhom, mara fuq ruhha li sfrattat lil A; ma Jane Sacco habiba ohra ta' A li kienet f'pika ma Fiona li hi u A kienu jikkonfoffaw kontra Fiona. A u Jane kienu jdumu sas-2.00a.m. f'Cara's tas-Sliema u hu d-dar mat-tfal. Wara dawn il-hbieb qabdet ma kuginitha Sandra u minn *recordings* tat-*telephone* skopra li Sandra zammet it-tfal ta' A maghha sakemm A marret tiltaqa' ma dan Ian fl-20 ta' Dicembru 2001.

Illi l-konvenut ukoll ddeskriva partijiet ta' konversazzjonijiet li A kellha ma ommha fejn hi wriet il-mibgheda taghha lejn

il-konvenut u l-weghda li tkissru u dan meta it-tfal kienu prezenti jisimghu. Rigward l-iskola tat-tfal qal li ghall-ewwel it-tfal kienu jmorru San Andrea, pero` billi ommhom kien aktar mohhha fi hbiebha u r-rizultati tat-tfal ma kienux sodisfacenti ma deherlux li l-hlas f'dawn l-iskejjel kien gustifikat. Ghalhekk irnexxielu jdahhal lit-tifel De La Salle u t-tifla St. Joseph. Hu kien iqum kmieni u jwassal it-tfal ghat-trasport. Izda billi t-tifel kien iwaqqghu ghac-cajt quddiem shabu talab lil A twassalhom hi. Hi haditha li ma riedx iwassalhom u bdiet ixxandru ma kulhadd.

Illi D ma kienx kontrollat fl-agir tieghu. Il-konvenut isemmi meta l-iskola baghtu ghalihom ghax seraq xi flus mill-iskola, ha d-deheb ta' ommu l-iskola u ghadda biz-zmien tifel handikappat. Ha anki xi flus mill-wallet tal-konvenut stess u beda jixtri l-helu lil shabu bihom. Darba mar *party* u mar-rigal taha wkoll xi flus lil min stiednu. Wara qallu li hadhom minghand ommu ghax halliet il-flus barra. Dwar C t-*teacher* qaltilhom li hi intelligenti izda traskurata u tivvinta l-iskuzi meta ma taghmilx il-*homework*. D wkoll gie deskritt bhala intelligenti mill-ghalliema izda traskurat u l-*homework* ma jaghmlux u mahmug. A kienet twahhal fit-*teachers* li mqabbdin ma wliedha u meta pprova jirraguna maghha bdiet tghajjat. Il-konvenut qal li meta t-tfal kienu jigu d-dar mill-iskola kienu joqoghdu jaraw it-*television* jew jilaghbu u A toqghod titkellem fuq it-*telephone*.

Illi A qabdet it-tfal fil-*guides* u *scouts*. Kienet torganizza attivitajiet tal-*guides* u tabbanduna kull haga ohra. Il-konvenut jiddeskriva lil martu bhala persuna b'interessi varji u kreattivi izda kull haga li taqbad titlef l-interess fiha wara ftit. Qabdet il-hjata u wara li nefqilha erba' mitt lira Maltin (Lm400) fuq makna wara ftit telqitha fil-kamra tal-bejt. L-istess ghamlet fit-tisjir, xiri u bejgh ta' *cosmetics* u *toiletries*.

Illi A abbandunat it-tindif tad-dar ghal kollox. Sakemm kienet tigi wahda darba fil-gimgha d-dar kienet nadifa. Meta waqqfu jigu A traskurat id-dar u l-hmieg u imbarazz hu indeskrivibbli.

Illi rigward il-hbiberija ma huh, ghalkemm qabel izzewwgu qaltlu li kienet qatghet il-kuntatt mieghu, dan ma kienx minnu.  Waqt iz-zwieg spiss kien jigi d-dar b'xi problema tal-*computer* jew tat-taxxa.  Kull darba li kien ikun hemm problema A kienet titlob permess biex iccempel lil Ian. Maz-zmien meta beda jiskopri dwar ir-relazzjoni li martu kellha ma Ian sab li fil-*mobile* kellha n-numri kollha tieghu inkluz tad-dar, tax-xoghol u tal-flat tas-Sajf.  Meta f'Awissu 2001 kienu sejrin Ghawdex ma huh u martu, ghall-ewwel ma riedx minhabba dak li skopra izda wara ddecieda li jmorru u jikkonferma s-suspetti.  F'dak il-*weekend* lemah il-martu li libset pyjama provokattiva tbus u tghannaq lil Ian fis-salott meta hasbu li ma kienx qed jarhom.

Illi fost l-intraprizi li bdiet martu kienet shubija ma xi hbieb fir-*real estate*, filwaqt li fl-istess perjodu kienet impjegata fl-istess attivita ma kumpaniji ohra u taqla mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar skond ma qaltlu l-istess A.  Mill-i*statements* li beda jircevi mill-bank induna li A kienet qed tizbanka somom konsiderevoli ghall-avvizi u reklami minghajr ma s-shab 'l ohra johorgu sold.  Ghalhekk hadilha c-*cheque book* biex ma tkomplix tberbaq flus f'intrapriza li ma qalghetx *sold* minnha. B'dan ix-xoghol il-hajja familjari kienet traskurata kompletament u t-tfal kienu mitluqin ghal rihhom.

Illi fl-ilbies taghha A bdiet issir provokanti hafna u gieli kienet tistiednu jkun intimu maghha f'hinijiet strambi tal-gurnata w anki meta t-tfal ikunu d-dar jaraw it-*television*. Dan l-atteggjament hasseb hazin lill-konvenut meta r-relazzjoni taghhom kienet daqshekk hazina.  Hi bdiet taghmel id-dieta wkoll.  Anki fuq *boat* zghira li kellhom, kienet toqghod *topless* u ghalkemm lilu ma kienitx iddejqu, ma riedx li dan isehh fil-presenza tat-tfal. Illi rigward il-*computer* qal li l-*internet* tatulu martu bhala rigal imma l-intenzjoni taghha kienet li tuzah hi ghall-iskopijiet taghha.

Illi wara li martu bdiet tberbaq il-flus taghhom fuq l-intrapriza tar-*real estate* beda jaghtiha hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) fil-gimgha ghall-hajja.  Bhala tpattija l-kwalita` ta' ikel beda jidditerjora.  L-ikel naqas drastikament u kienet tghid lit-tfal li ma tistax tixtri ikel

dicenti ghax il-konvenut ma jaghtihiex flus. *Inoltre* ghamlitlu hsara apposta fil-*computer* u anki haditlu l-*modem* u l-*wires* kollha. Ghalhekk hu qabad u ha l-*computer* il-*garage*. Minhabba f'hekk martu xewxet lit-tfal li l-konvenut hadilhom il-computer. Mindu dahlu l-Qorti t-tfal bdew jinjorawh u dan minhabba t-tixwix tal-omm li tghidilhom ikellmuh biss fil-hinijiet tal-access.

Illi l-kontendenti tellghu xhieda biex jikkorroboraw dak li allegaw. L-attrici tellghet liz-zijiet taghha Josette Testa u Marie Testa. Iddeskrivew lill-konvenut bhala persuna dejjem bin-nervi u mdejjaq, dejjem ghandu ragun, imaqdar lil martu quddiem uliedu. Qalu li mat-tfal ukoll aggressiv u jmaqdarhom. Marie Testa ziedet li mhux kapaci jinzel ghall-livell tat-tfal u semmiet okkazjonijiet fejn wera preferenzi cari lejn it-tifel u jcekken lil bintu billi ghajjarha *'fat pig'* u anki poggilha ilma mbierek fix-xorb biex tkun ahjar.

Illi xehdet ukoll Edith Bonanno li taf lill-kontendenti gharajjes. Qalet li qatt ma semghet lill-konvenut juza' kelma tajba fil-konfront ta' martu izda dejjem ighajjarha. Huma kienu hbieb hafna izda ndunat li Bkien isahhan lil zewgha kontra x-xhud u ghalhekk qatghet il-hbiberija li kellhom. A kienet tghidilha li zewgha jhalliha bla flus.

Illi l-konvenut ukoll tella' xhieda biex jikkorroboraw it-tezi tieghu. Xehed il-**Perit Joseph Genovese** li hu z-ziju tal-konvenut li apparti li iddeskriva l-istat hazin tal-mod kif tinzamm id-dar matrimonjali tal-kontendenti, xehed ukoll dwar il-komportament tal-konvenut ma wliedu meta kienu jmorru ghandu nhar ta' Sibt f'villeggatura li ghandu x-xhud il-Qawra. Qal li kien qisu habib kbir ma wliedu meta jitkellem u jilghab maghhom. *Inoltre* meta kien jiddixiplinahom dan kien jaghmlu bla ghajjat, bil-kelma t-tajba u b'perswazjoni.

Illi **omm il-konvenut Louise Sammut Alessi**, xehdet li hi ma ghandha ebda preferenza bejn uliedha cioe` l-konvenut u Ian, u kienet tittratahom l-istess bhal ma titratta lin-nisa taghhom. Zewgha kien ighin lill-konvenut

fil-qadi tal-garaxx u dam jaghmel hekk ghal xi sitt snin sakemm marad u miet.
Nhar ta' Hadd kienet issajrilhom hi u damet hekk xi ghaxar snin sal-2001, meta waqfet minhabba l-istat hazin ta' sahhet zewgha.

Illi rari kienu jmorru ghand il-kontendenti peress li li kienu jhossuhom mhux milqughin mill-attrici. *Inoltre* l-ilbies taghha kien ikun inkaxxat maghha u trasparenti u kienet taghmel gesti quddiem binha Ian biex tattiralu l-attenzjoni meta kienu jinzertaw jiltaqghu ghal xi okkazjoni tal-familja. Tghid li l-attrici ma kienitx taghti kaz, tpejjep quddiem it-tfal meta dawn ibatu bl-allergiji jew tikkoregihom billi tghajjat maghhom u twerzaq. Mindu nqalghet is-separazzjoni l-attrici mhix taghti kaz ilbies it-tfal u x-xhud gieli sewwiet hwejjeg tat-tfal hi stess, u lanqas ikunu nodfa fizikament. *Inoltre* meta jmorru ghandha nhar ta' Hadd ikunu ghajjenin ghax lejliet jorqdu fis-saghtejn ta' filghodu. Anki nnotat gdim ta' nsetti f'saqajn it-tifel li jdumu biex ighaddulu ghax ibati bid-dijabete.

Illi meta t-tfal ikunu ghandha l-Hadd ikunu ferhana jilghabu ma missierhom u johorgu u jieklu maghhom minghajr ma jilmentaw pero` meta jiftakru fil-problemi jbiddlu l-atteggjament.

Illi huh **Ian Sammut Alessi** ammetta li kellu relazzjoni sesswali mal-attrici ghal xi sitt xhur, fit-tieni nofs tal-2001. Qal li r-relazzjoni bdiet ghax kien ghadu kif miet missieru u kien *'down'* u haga waslet ghal ohra. Hu ammetta li r-relazzjoni spiccat mewta naturali pero` zied li huh induna u heddu li jmur ighid lil mara tax-xhud. Fil-fatt ix-xhud mar id-dar u martu ndunat li gara xi haga u qalilha b'kollox. Qatt ma ltaqghu fid-dar tal-konvenuta u qatt ma kien hemm uliedha maghha meta kienu jiltaqghu.

Illi martu kkonfermat li ghall-habta ta' April 2002 zewgha kien ammetta li kellu relazzjoni ma' l-attrici u li huh kien qabadhom u heddu.

Illi **Gordon Wood**, ukoll xehed illi hu u l-attrici kienu hbieb antiki u kienet il-*girlfriend* tieghu meta kienu zghar. Mindu

mar l-Awstralja kien dejjem jiltaqa' maghha w uliedha meta jigi Malta ghal btala. Issa ilu Malta dawn l-ahhar erba' snin u rega' zzewweg Malta madwar sentejn ilu, wara li ddivorzja mill-mara li kellu qabel xi tmien snin ilu. Hu qal li f'dak il-perjodu kien jghix l-Iskozja u zied li kellu sentimenti lejn l-attrici li esprimihom f'xi ittri li baghtilha. L-ahhar ittra li baghtilha kien xi hames snin ilu, qabel ma gie lura Malta. L-attrici rrispondiet b'ittri lura xi drabi wkoll, ghalkemm ma irreciprokatx is-sentimenti tieghu li ddeskrivihom bhala *'going down memory lane'.* Hu qal li anki lill-konvenut kien jaf u gieli ltaqa' mieghu wkoll. Qal li kemm ilu Malta f'dawn l-erba' snin hu ltaqa' mal-attrici darba biss meta xtara karozza u mar juriha liz-zewg kontendenti.

Illi l-kugin tal-konvenut **Mario Sammut Alessi** xehed li l-mara tal-konvenut hi l-kugina tal-mara tieghu wkoll. In-nisa kienu johorgu flimkien u ghalkemm dan ma kien fih xejn hazin beda jissuspetta xi haga mhux flokha meta bdew jidhlu d-dar fit-3.00 a.m. u jitkellmu bejniethom fuq il-*computer*. Hu jifhem fil-*computer* u rnexxielu jaghmel kopja tal-konversazzjonijiet li kien ikollhom bejn il-15 u d-19 ta' Marzu 1999. Hu kien jinteressah x'qed taghmel martu mhux A. Fil-fatt illum ssepara minn martu ghax kellu suspetti li qed tikkommetti adulterju u tuza' lil A bhala paraventu billi tghid li tkun maghha w *invece* tkun ma haddiehor.

Illi **Fiona Lawson**, gara tal-kontendenti, qalet li saret hbieb mal-attrici circa 1995. Kienu jiltaqghu kuljum sal-1999. Il-hbiberija waqfet ghax hi kellha problemi personali. L-attrici qaltilha li kellha zewg relazzjonijiet, wahda li nbdiet qabel u kompliet tul iz-zwieg ma Ian Sammut Alessi u l'ohra kienet matul iz-zwieg ma certu Gordon. Rigward Ian qaltilha li kienu jiltaqghu f'villa f'Santa Maria Estate u hi gieli zammitilha t-tfal. Kienet anki dubjuza fuq il-paternita` ta' D ghax dak iz-zmien kienet qed tara lil Ian ukoll. Rigward Gordon ma tantx taf hlief li kienet relazzjoni twila wkoll u li kienu jiltaqghu meta dan jigi Malta, u kienet tiltaqa mieghu x-Xemxija. Fil-kontro ezami qalet li l-attrici kienet *'open'* maghha bhal ma kienet hi mal-attrici. Mistoqsija ghalfejn iddeskriviet iz-

zwieg tal-kontendenti bhala normali meta tqis dak li xehdet, irrispondiet li dan hu s-seklu ghoxrin u li anki hi kellha relazzjoni tul iz-zwieg u taf mill-esperjenza li wiehed jista' jkollu relazzjoni u zwieg normali fl-istess hin.

Illi **PC Noel Tanti** xehed li l-konvenut hu l-*mechanic* tieghu u ghall-habta tas-sena 2000 waqt li kien mal-familja tieghu Santa Maria Estate lemah il-karozza tal-konvenut wieqfa u x'hin mar ikellmu intebah li l-attrici kienet mghannqa ma ragel iehor u ghalhekk baqa' ghaddej.

Illi **Josette Gauci**, kugina tal-konvenut xehdet li tghix l-Ingilterra pero` tigi Malta regolarment. Kienet tiltaqa' mal-konvenut u wliedu meta jmorru l-Hadd flimkien il-quddies u wara ghand ommu ghall-ikel. Tghid li r-relazzjoni bejn il-missier u t-tfal kienet tajba pero` wara li bdew il-proceduri ta' separazzjoni nnotat differenza fit-tfal. Saru ostili lejn missierhom. L-akbar differenza kienet f'C li qabel kienet tghid kontra ommha imma fis-separazzjoni kienet qed tispija fuq missierha ma ommha. Dan innotatu ghax qabditha tibghat messaggi lil ommha. Qalet li kien hemm zmien meta d-dar konjugali kienet tinzamm fi stat tajjeb pero` meta giet Malta f'Awissu 2002 rat differenza kbira u d-dar kienet fi stat mahmug immens. Qalet li l-konvenut ghandu l-pacenzja mat-tfal u hu kalm ghalkemm fejn hemm bzonn jiddixiplinahom.

Illi gew esebiti wkoll zewg rapporti tal-Appogg wiehed li sar minn Amanda Embley tad-*Domestic Violence Unit*. Dan gie redatt fil-21 ta' Frar 2003 fuq talba tal-attrici li talbet l-ghajnuna tal-Appogg. F'dan ir-rapport hi qalet li giet introdotta lill-attrici f'Settembru 2002 wara li *s-social worker* li kienet tiehu hsieb il-kaz qabel, kellha titlaq. Qalet li l-attrici tallega li zewgha jabbuza mill-hin moghti lilu fl-access ghat-tfal billi joqghod jinsulta lilha u jintimidahom. Hi ltaqghet darbtejn mat-tfal fejn tawha s-segwenti informazzjoni, cioe` kien jimmaltratta fizikament il-*pets* li kellhom biex jiddixplina lil uliedu; kien jidhol fuq bintu f'kamritha u fil-banju minghajr avviz u t-tifla kienet thossha skomda; jinsulta u jghid affarijiet spreggattivi fuq ommhom anki quddiem terzi; jbaxxi lit-tifla billi jghidilha li hi hoxna quddiem in-nies; it-tfal gieli sabu hwejjighom fl-

urina; jigu dixxiplinati ghall-oggetti neqsin fid-dar u ma jsibux komprensjoni ghal dak li ghaddejjin minnu. Fil-kontro ezami qalet li l-attrici giet riferita lid-*Domestic Violence Unit* minn zijitha Marie Testa. Hi qatt ma kellmet lill-konvenut ghaliex fid-*Domestic Violence Unit* ir-rwol taghhom hu li jaghtu ghajnuna lill-vittma. Huma ma jinvestigawx il-veracita` tal-allegazzjonijiet. It-tfal ma semmew xejn dwar l-istat tad-dar u dehru komdi hafna fil-presenza ta’ ommhom, u ma kellhomx ilmenti dwarha. Hi ma kellhiex kuntatti ohra mat-tfal wara li kitbet ir-rapport taghha.

Illi t-tieni rapport sar minn Therese Micallef, *social worker* fl-Appogg fit-30 ta’ Settembru 2003 u dan fuq digriet tal-Qorti biex tinvestiga l-ambjent li jghixu fih it-tfal. Dwar l-istat tad-dar irrizulta car illi din kienet fi stat hazin ta’ ndafa, bi hmieg, imbarazz u riha tinten ta’ annimali ma kullimkien. Rigward it-tfal qalet li C hi tifla simpatika u ferrieha ghalkemm xi ftit dominata minn ommha kontra missierha. Tixtieq toghgob liz-zewg genituri pero` bis-sitwazzjoni matrimonjali kif inhi, dan hu xi ftit difficli. Il-fatt li tghaddi ftit hin ma missierha fl-access ma jghinx li tinbena relazzjoni mal-missier. D jidher li ghandu relazzjoni ahjar ma missieru milli kellu qabel bdew il-proceduri pero` jista jkun li dan hu biex jiehu li jrid minn ghandu. Ix-xewqat tat-tfal espressi lilha hu li jghixu fil-paci u minghajr preferenzi mill-genituri.

Illi rigward il-genituri qalet li t-tnejn iridu l-gid ta’ wliedhom pero` l-attrici mhix tinduna li l-ambjent li jghixu fih mhux ta’ gid ghalihom u t-tfal sar ghalihom haga normali.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali dwar il-punt tar-responsabbilta` ta’ din il-firda personali, u jirrizulta li dan iz-zwieg kien diga sfaxxa qabel il-partijiet bdew il-proceduri odjerni. Fi kliem l-istess perit legali *“minghajr dubbju z-zwieg falla irrimedjabbilment u li mindu bdew il-proceduri l-affarijiet marru ghall-aghar, l-aktar minhabba li l-kontendenti ghadhom ighixu taht l-istess saqaf ippikati li hadd minnhom ma jrid johrog mid-dar konjugali. Dan qed jikkawza aktar atrit bejn il-kontendenti*

*u effett detrimentali fuq it-tfal li qed jintuzaw direttament u indirettament biex il-konjugi jikkawzaw hsara lil xulxin”.*

Illi fil-fatt f’kull stadju tal-proceduri hemm attakk wara l-iehor minn parti fuq ohra bhal ebda nifs ta’ xejn u xejn ma importahom mill-hsara li l-istess pika kienet qed taghmel lilhom infishom u fuq kollox lil uliedhom stess, pika li waslet sal-punt estrem li l-kondizzjonijiet fejn kienu qed jghixu l-istess ulied gew resi f’mumenti waqt il-kawza bhala ta’ mizerja u hmieg kbir kif gie ndikat minn diversi esperti nominati f’din il-kawza u senjatament mill-perit tekniku Vincent Ciliberti u fuq kollox mis-*social worker* ta’ l-Agenzija Appogg Therese Micallef.

Illi jirrizulta illi fil-fatt li l-kontendenti ilhom bl-inkwiet ma xulxin ghal bosta snin. Pero` meta tizen l-allegazzjonijiet li l-kontendenti jaghmlu kontra xulxin, din il-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbilta` principali ghall-falliment taz-zwieg hu attribwibbli lill-attrici stess u dan ghaliex ghalkemm ma jistax jinghad li l-komportament tal-konvenut fil-hajja matrimonjali kien wiehed perfett, dan anke ghaliex kulhadd ghandu d-difetti tieghu, u l-kontendenti mhux neqsin minn nuqqasijiet, pero` meta wiehed jezamina l-provi kollha prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-attrici u xhieda prodotti minnha ma kienu bl-ebda mod konvincenti u *verosimili* u fuq kollox din il-Qorti thoss li l-attrici naqset li tissodisfa l-oneru ta’ prova li fuq kollox kien jinkombi lilha dwar l-allegazzjonijiet minnha vantati fil-konfront tal-konvenut.

Illi din il-Qorti thoss li ghalhekk l-istess allegazzjonijiet attrici ma jistghux jigu kkunsidrati bhala ppruvati, anzi din il-Qorti thoss li l-istess vantazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati, huma wkoll kontra-detti u l-versjoni ta’ l-attrici hija wkoll *in vero simili*, partikolarment *in vista*` ta’ provi kontrarji li gew prodotti li jikkontradixxu l-agir allegat taghha u dak tal-konvenut.

Illi dan apparti l-fatt li dak allegat mill-attrici lanqas ghandu fih innifsu jwassal sabiex b’xi mod jinghad li l-komportament tal-konvenut setgha wassal ghal din il-firda personali u taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li ghandha

tikkondividi l-opinjoni tal-perit legali fuq dan il-punt fejn gie rrelatat li l-provi attrici ma kienux dawk sodisfacenti sabiex jinghad li jirnexxiela tonora l-oneru ta' prova taghha u ghalhekk certament li dak vantat minnha ma jistax jigi accettat.

Illi bhala ezempju ta' dan hemm il-kaz fejn l-istess Perit Legali Dr Mark Chetcuti fl-inkontru li kellu mat-tfal jew mill-inkontru li kellu mas-*social worker* imqabbda mill-Qorti ndika li ma giex ippruvat b'xi mod li l-istess konvenut halla lill-istess tfal fil-bzonn. Illi l-istess jista' jinghad ghall-mara fejn mid-dokumenti esibiti mill-konvenut gie ppruvat li adirittura l-attrici kellha access ghall-flus tal-komunjoni mill-ammont stess ta' *cheques* li kienet tohrog bl-ebda tfixkil mill-konvenut. Illi dan qed jinghad minkejja l-fatt li f'certu zmien din id-disponibbilta` ma baqghetx daqshekk libera, izda gie wkoll ippruvat li dan gara minhabba li l-attrici effettivament kienet qed tberbaq il-flus tal-komunjoni fuq intraprizi bla success li kienet bdiet ma hbiebha. Dwar dan xehed b'mod mill-iktar skjet il-konvenut u l-istess qatt ma gie michud jew kontradett mill-attrici.

Illi fost l-aggravji li l-istess attrici tattribwixxi lill-konvenut hija wkoll fejn tallega nuqqas ta' komprensjoni u ghajnuna mill-konvenut u li kien isib kull okkazjoni biex ibaxxiha u jmaqdarha. L-istess hija semmiet dwar ir-relazzjoni tieghu ma wliedu. Illi din il-Qorti thoss li lanqas dan ma gie ppruvat ghalkemm bla dubju jidher li kien hemm disgwid bejn il-kontendenti dwar il-mod kif l-istess partijiet bhala genituri kellhom jagixxu ma' wliedhom u wkoll dwar ir-relazzjoni taghhom, anke dwar relazzjonijiet intimi; izda jidher li l-konvenut kien lest li jahdem dwar l-istess, filwaqt li l-attrici jidher li fittxet interessi ohrajn, li ultimament wasslu ghall-kawza principali ta' din is-separazzjoni.

Illi anke l-allegazzjonijiet dwar l-ulied maghmula mill-attrici kontra l-konvenut certament ma gewx ippruvati, ghalkemm jinghad b'mod mill-iktar car li din il-Qorti thoss li l-attrici waqt dawn il-proceduri ghamlet minn kollox sabiex taljena lill-uliedha minn missierhom, u fil-fatt jirrizulta li waqt il-mori ta' dawn il-proceduri, hija rnexxilha taghmel dan, minkejja li l-Qorti nnominat esperti sabiex jipprotegu

l-interess tal-minuri u dan bil-hatra kemm ta’ *social worker* ta’ l-Agenzija Appogg u kemm bin-nomina ta’ kuratur deputat sabiex fost interessi ohra jirrapresenta l-interessi tal-minuri. Din il-Qorti thoss pero` li fi kwalunkwe kaz jirrizulta illi l-konvenut agixxa b’mod sew ma’ uliedu ghalkemm, anke b’kuntrast ma’ dak li huwa l-karattru ta’ l-attrici, huwa jidher quddiem it-tfal bhala iktar ta’ dixxiplina u certament persuna metodiku hafna.

Illli b’dan pero` ma jfissirx li l-konvenut agixxa b’xi mod li jista’ jigi deskritt bhala estrem; f’dan il-kuntest jinghad li ma hemm l-ebda prova konvincenti li turi li l-istess konvenut wera xi eccessi jew mohqrija fl-imgieba tieghu fil-konfront ta’ uliedu, ghalkemm ir-rigettazzjoni ta’ uliedu stess iktar ma’ bdiet miexja l-kawza, u wkoll l-effett tal-glied bejn il-genituri anke quddiem it-tfal, halla fuq l-istess ulied, ittestjaw bl-iktar mod serju l-komportament tal-konvenut; izda ghal dan l-attrici kkontribwiet sfortuntament bl-iktar mod negattiv, ghaliex ma hemm l-ebda dubju li fil-mori tal-kawza, kif gja inghad, u kif jirrizulta car min-numru ta’ ritratti esebiti f’dawn il-proceduri, apparti x-xhieda ta’ esperti indipendenti gja wkoll indikata, l-attrici halliet l-ambjenti fejn kienu qed jghixu l-istess ulied f’sitwazzjoni dizastruza u ta’ nuqqas ta’ igene kbira, li din il-Qorti thoss li l-attrici qatt ma messa irrikorriet ghalihom. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-istess ritratti esebiti huma prova cara ta’ dan kollu, pero` x-xhieda u r-rikorsi ta’ l-esperti mqabbda minnha, anke sabiex jaghmlu sempliciment stima, hija mill-iktar eloqwenti u xokkanti, tant li din il-Qorti kellha f’xi mument waqt il-kawza, taghti zmien lill-attrici sabiex tirrimedja ghas-sitwazzjoni almenu ghall gid ta’ l-istess uliedha stess, li hija kwazi kompletament iddominat, u wkoll sabiex l-istess esperti setghu jaqdu l-inkarigu taghhom u kien biss wara dan l-intervent tal-Qorti, li l-istess attrici gabet xi ftit ta’ ordni f’dik li kienet id-dar konjugali – f’dan il-kuntest id-difensur ta’ l-attrici stess ghamlet li setghet sabiex din l-ordni tal-Qorti, fl-interess tal-minuri u anke fl-interess tal-procediment tal-kawza, giet finalment esegwita mill-attrici.  Pero` din il-Qorti tinnota li taht dawn ic-cirkostanzi kien impossibbli ghal kulhadd li jghix, jekk mhux b’dannu ghalih innifsu u hekk gralu l-konvenut, li kellu jhabbat wiccu ma din il-problema

mahluqa mill-attrici, b'dannu wkoll ghall-ulied, li b'certu sorpriza espressa mis-*social workers* indikaw lill-istess persuna mqabbda mill-Qorti, li tali sitwazzjoni ma kienitx tant iddejjaqhom u jidher li sfortunatement qed jghidu li kienu draw jghixu taht dawn ic-cirkostanzi; dan ovvjament ma jistax jigi accettat minn din il-Qorti – li tinnota biss f'dan kollu li mod li l-istess omm iddominat u influwenzat lil uliedha u dan jinsab ukoll ikkonfermat minn dak li nghad iktar il-quddiem mill-Perit Legali, u li din is-sentenza ser taghmel ukoll riferenza ghalih.

Illi dwar l-allegazzjonijiet ohra ta' l-attrici kontra l-konvenut fosthom dik li huwa allegatament ma hax hsiebha fit-tqala jew it-trobbija u *benessere* ta' uliedu, jinghad li l-istess allegazzjonijiet ma jsibux konfront fil-fatti u dan apparti li huma kontradetta mix-xhieda prodotta mill-konvenut. Ma jidhirx li l-konvenut qatt naqas lil uliedu f'dik li hi skola u affarijiet materjali ghalkemm jidher li kien iqatta' hafna hin ix-xoghol u kwindi inqas kuntatt ma uliedu. It-tfal *invece* mdorrijin aktar ma ommhom li l-attitudni taghha fil-konfront tat-tfal hu wiehed hafna aktar relassat sal-punt li donnhom it-tfal jaghmlu li jridu fil-konfront taghha. Dan mhux hekk fil-konfront tal-missier li ma jerhilhomx u kultant hu iebes f'ilsienu aktar sforz il-kundizzjonijiet li kien kostrett jghix fihom u l-element ta' frustazzjoni u trawma li dan ta' kuljum gab mieghu, ghalkemm certament din il-Qorti xorta wahda ma taqbilx mal-mod indikat li kultant il-konvenut ireagixxa bih.

Illi s-sitwazzjoni lejn l-istess minuri gravat minhabba li kien hemm nuqqas ta' djalogu bejn il-genituri u l-kapacita` ghall-kompromess bejn il-kontendenti fejn jidhlu l-ulied. Zewg karattri w attitudni differenti li ma ghenux lit-tfal f'din il-problema matrimonjali. Pero` anki minn dak li ntqal mit-tfal mal-Perit Legali ma ssemma' xejn li wiehed jista' jinkolpa lil missier jew *del resto* lil omm fil-konfront ta' l-ulied, pero` din il-Qorti taghmel riserva ghall-mod kif inzammet id-dar mill-attrici, u wkoll ghall-mod kif din il-Qorti thoss li l-istess ulied gew influwenzati mill-omm, u dan anke sforz ta' dak li l-perit legali fisser bhala zbilanc qawwi bejn dak li l-omm thalli lit-tfal jaghmlu u dak li jippermetti l-missier.

Illi wiehed ma jridx jinsa li f'cirkostanzi normali wiehed ma jaghti ebda kaz li genituri (x'aktarx l-omm) tkun aktar kondixxindenti lejn in-nuqqasijiet frekwenti tat-tfal milli jkun il-missier. Pero` dan johloq bilanc fit-trobbija tal-ulied u sakemm hadd mill-genituri ma jwaqqa' lil iehor fl-awtorita` tieghu quddiem l-ulied kollox jimxi harir. Pero` f'kaz fejn il-kontendenti huma fi gwerra ma xulxin kull kelma jew azzjoni li ssir minn konjugi wiehed tintuza' kontra l'iehor. Infatti l-aktar li jissemmew affarijiet kontra l-missier mill-attrici jidhru li nibtu wara li bdew il-proceduri tas-separazzjoni, u mhux qabel. Din hi ndikazzjoni li fejn jidhlu t-tfal ma jirrizultawx problemi serji qabel il-proceduri hlief ghal mod kif kienu jiddixiplinaw lit-tfal u certament l-attitudini ta' l-attrici fuq l-istess kienet krucjali.

Illi din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li l-kawza tal-firda taz-zwieg kienet l-agir ta' l-attrici li holoq disgwid serju fil-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti fis-sens li hija ma' kkoltivatx sew il-hajja mizzewwga u specjalment fl-ahhar snin qabdet hbiberiji ma' terzi li sfrattaw is-serenita` tal-hajja familjari u aktar gravi anki jirrizulta sodisfacentement pruvat li kkomettiet adulterju ma hu l-konvenut Ian Sammut Alessi fis-sena 2001 u kellha wkoll indiskrezzjonijiet ma' persuni ohra inkluzi certu Gordon Wood, habib antik taghha.

Illi fil-fatt dawn l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut gew pruvati b'xiehda diretta tal-istess Ian Sammut Alessi u martu u li dwarhom din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddubita l-veracita` taghhom, u xhud iehor indipendenti konsistenti f'P.C. Noel Tanti u x-xiehda tal-habiba tal-attrici Fiona Lawson, li anke ziedet li r-relazzjoni tal-attrici maz-zewgt irgiel imsemmija kienet ilha sejra ghal hafna snin. Ghalkemm din il-Qorti mhux ser tiehu din l-ahhar versjoni bhala vangelu pero` xorta wahda thoss li l-agir illegali ta' l-attrici fejn hija kkomettiet adulterju diversi drabi, sahanistra ma' hu l-konvenut stess huwa dak li wassal ghal dan it-tkissir taz-zwieg; barra minn dan thoss li l-agir ta' l-istess attrici fil-konfront tal-konvenut anke waqt il-kawza, kemm bil-mod li hija zammet jew naqset li zzomm id-dar u wkoll bil-mod kif hija ghamlet kemm

setghet sabiex taljena lill-uliedha minn missierhom, huwa wkoll agir li jwassal ghall-firda personali attribwibbli esklussivament lill-agir ta’ l-attrici, ghalkemm l-adulterju kommess minnha huwa certament l-ikbar aggravju; il-fatt ukoll li l-istess attrici ddikjarat appertament anke ma’ l-esperti ndikati li ma rat xejn hazin mal-mod kif hija kienet qed izzomm id-dar konjugali, juri wkoll li l-attrici kienet qed tara biss jew ahjar kienet qed tghid biss dak li thoss li jaqbel lilha u dan wassalha sabiex lanqas tirrikonoxxi l-iktar affarijiet ovvji, anke dawk li l-esperti kollha, anke b’mod imbarrazzanti kellhom jixhdu jew jindikaw bih lill-Qorti; dan irendi l-versjoni ta’ l-attrici iktar inkredibbli u *in vero simili*.

Illi jidher li l-attrici wzat sahanistra l-presenza ta’ l-annimali fid-dar u l-hmieg u non-kuranza tad-dar taghha bhala tpatija ghal dak li hasset li kienet il-hajja impossibli li certament hija kienet qed tghix fiha mal-konvenut, ghalkemm jidher li ma hemm ebda rimors dwar l-adulterju kommess minnha; certament li l-hajja tal-kontendenti t-tnejn fid-dar matrimonjali ma hijiex aktar possibbli, mmaterjali li tali dar ghall-mument hija proprjeta` parafernali tal-konvenut. Zgur li l-partijiet f’din il-kawza u minhabba l-istess proceduri ghamlu minn kollox biex ikonvincew lil kulhadd li l-hajja bejniethom hija mpossibbli, izda fl-istess waqt l-ebda parti ma kienet lesta li tohrog mid-dar konjugali, u certi atti fuq deskritti maghmula mill-attrici kienu anke b’ritaljazzjoni ghal din is-sitwazzjoni u l-istess jista’ jinghad ghall-certi atti kompjuti mill-konvenut bhal qtugh ta’ *telephone* u tehid tal-*computer* minnu u dan bhala ezempji ohra li juru l-istat li fih waslu z-zewg kontendenti minhabba l-problemi li kellhom.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut bla ebda dubju ghandu n-nuqqasijiet tieghu ukoll, fosthom li forsi qatta’ hafna hin fuq ix-xoghol u kien ghalhekk il-boghod mid-dar; pero` jidher li dan l-attrici qatt ma espremietu hlief waqt il-kawza, u wkoll qatghet r-relazzjonijiet intimi kollha ta’ mieghu, izda jidher mhux ma’ haddiehor.  Pero` dan l-agir tal-konvenut fuq ix-xoghol u n-nuqqas tieghu mid-dar ma jistax jinghad li kien ta’ gravita tali li jista’ jwassal ghal xi htija *da parte* tieghu ghal din il-firda kif qed tallega l-attrici.

Illi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li t-tkissir taz-zwieg kien imputabbli unikament ghall-attrici minhabba l-adulterju taghha u l-hbiberija zejda li kellha, li wassluha titraskura l-familja taghha, inkluz ghalhekk li l-attrici kienet hatja *verso* l-konvenut ta' eccessi, sevizzi u ngurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser b'mod irremedjabbli.

Illi din il-Qorti issa waslet sabiex tiddeciedi dwar il-kura u l-kustodja ta' l-ulied u tammetti li din kienet l-aktar parti difficli li wiehed jiddeciedi dwarha anke minhabba dak kollu li sehh f'din il-kawza, u wkoll minhabba l-kondizzjonijiet li l-istess minuri kienu kostretti jghixu mill-genituri taghhom stess, fejn l-istess kontendenti odjerni ghamlu minn kollox sabiex ikomplu l-glieda ta' bejnietjom u t-tfal intuzaw bhala ballun bejniethom; ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li l-istess ulied jinsabu influwenzati sew minn ommhom, u dan certament ma jghinx is-sitwazzjoni; ovvjament dak li ghamlu l-istess partijiet f'din il-kawza huwa responsabbilta` taghhom, u certament huma stess ghandhom jaraw kif mill-iktar fis possibbli jirrimedjaw ghall-istess jekk mhux ghal xejn ghall-gid ta' uliedhom, jekk verament iridu jifhmu li dak li huwa fl-interess massimu ta' l-istess ulied huwa li jaraw il-genituri taghhom jaqblu almenu dwarhom, haga li l-istess ulied sallum ma rawx.

Illi minkejja dan kollu jirrizulta wkoll lil Qorti li kif qalet s-*social worker* Therese Micallef il-konjugi Sammut Alessi t-tnejn ihobbu 'l uliedhom u uliedhom ihobbuhom ukoll. Dan ghandu ghalhekk ikun il-bazi sabiex l-attitudini u l-komportament tal-partijiet bhala genituri, u ghall-gid ta' l-istess minuri jinbidel.

Illi f'dan l-isfond jinghad li pero` hu difficli hafna ghat-tfal li jkunu ghaddejjin minn din is-sitwazzjoni li juru dak li jhossu minghajr ma jidhru li qed izommu ma genitur jew iehor. Iz-zewg genituri bil-mod taghhom waqt il-kawza wkoll kienu qed jippruvaw jirbhu s-simpatiji tat-tfal biex idawwruhom favur taghhom u kontra l-iehor.

Illi minn dak kollu li rrizulta mill-atti tal-kawza, mill-laqgha franka li jidher li saret mill-Perit Legali Dr Mark Chetcuti fit-tul ma l-ulied, u mill-konversazzjoni li l-istess Perit Legali kellu mas-*social worker* Therese Micallef u l-avukat tat-tfal Dr Vincent Galea, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma hemm xejn li jista' jitfa dubbji fuq l-imhabba u l-kapacita` li ghandhom iz-zewg genituri li jikkuraw lit-tfal, bir-riserva li kull min ikollu l-kustodja, l-kura u l-access ta' l-istess minuri jzommhom f'post dicenti u nadif. Pero` zgur li ma jistghux jibqghu f'din il-hajja ta' tensjoni li bhalissa qed ighixu taht saqaf wiehed u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet odjerni ma jistghux jibqghu jghixu kollha fid-dar matrimonjali.

Illi din il-Qorti wara li hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni u vverifikat sew li l-adulterju kommess mill-attrici ma kienx ta' dannu dirett jew indirett ghat-tfal u li l-hmieg u nonkuranza tad-dar mill-omm ma kienitx il-frott tan-natura taghha jew ta' xi mard, izda biss pika distruttiva ma zewgha, kif ukoll li xi allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-missier mat-tfal ma kienux minimament ta' suspett ta' anormalita` jew abbuz, din il-Qorti tissottometti illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri C u D ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, b'dan ghalhekk li t-tfal ghandhom jibqghu jabitaw mal-omm skond fejn tkun qed tirrisjedi hi b'access aktar liberu milli kellu bhalissa l-missier u li tellef mill-kuntatt u *bonding* li hu necessarju mill-missier mat-tfal.

Illi din il-Qorti f'dan il-kuntest hadet in konsiderazzjoni anki x-xewqat tat-tfal li *nonostante* dak li ghaddew u ghaddejjin minnu, huma bilancjati hafna u sereni, u dan anke kif rapport lilha minn diversi esperti fosthom is-*social worker* mill-Agenzija Appogg u mill-Perit Legali, u ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha taddotta bazikament dak rakkommandat mill-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu, u dan iktar u iktar meta rat ir-risposti ta' l-istess perit legali in eskussjoni fuq domandi ta' l-attrici, bis-segwenti emendi li jirrizultaw hawn isfel dwar il-hinijiet ta' access tieghu ma' uliedu. Din il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll ta' l-inkontru li din il-Qorti kellha mal-minuri *in camera*.

Illi ghalhekk din ill-Qorti hi tal-fehma li l-missier ghandu jkollu access ghat-tfal kif gej u cjoe’ kull nhar ta’ Tlieta u Hamis bejn l-4.30p.m. u 6.30p.m. u darba l-Hadd u darba is-Sibt b’mod alternattiv, gimgha il-Hadd u gimgha s-Sibt, mill-10.00.a.m. sas-6.00p.m; fil-Milied u l-ewwel tas-sena alternattivament bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m; fil-*birthdays* tat-tfal darba mal-missier u darba mal-omm. Fil-vaganzi tas-Sajf il-missier izomm it-tfal mieghu ghal gimaghtejn mill-15 sal 31 ta’ Awissu, b’access ghall-omm f’dak il-perjodu kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mill-4.30.p.m. sas-6.30p.m. b’dan pero` li dan l-access fis-Sajf ghaz-zmien hawn limitat isehh jekk il-minuri jaqblu ma’ l-istess.

Illi minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni fl-interess ta’ l-istess minuri b’dan li ghandha tara li l-istess minuri jkollhom u jkunu jafu b’din l-ghajnuna li qed tinghta lilhom fl-interess supremm taghhom u wkoll tawtorizza lill-Agenzija Appogg li tidderigi lill-partijiet u lill minuri sabiex jekk ikun il-kaz isegwu korsijiet adatti ta’ terapija u/jew ghajnuna li l-istess Agenizja Appogg toffri ghall-istess koppja u minuri, u dan a spejjez taz-zewg partijiet.

Illi rigward il-manteniment din il-Qorti hi tal-fehma li din il-kwistjoni hi wahda li trid tigi allacjata mal-kwistjoni tal-komunjoni.  Illi din il-Qorti thoss li l-mara ma ghandhiex tiehu vantagg mill-fatt li t-tfal ser jirrisjedu maghha biex tibqa’ hi fid-dar konjugali bit-tfal meta d-dar hi propjeta` parafernali tar-ragel, kif ser jirrizulta fil-parti tal-qsim tal-komunjoni.  Din jista’ jkun li hija l-ahjar soluzzjoni ghat-tfal pero` din il-Qorti hi tal-fehma li l-missier ma jistax u f’dan il-kaz ma ghandux jigi punit ghal xi haga li ma ghandux tort fiha, u hawn il-Qorti qed tirreferi ghall-fatt li kienet l-attrici li qed tinzamm unikament responsabbli ghall-istess firda personali.

Illi din il-Qorti ma thossx li minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz ma huwiex idoneu u proponibbli ghat-tfal li jibqghu jirrisjedu mal-missier fid-dar konjugali ghaliex huma iktar abbitwati mal-omm u huma fil-fatt jixtiequ li jibqghu jghixu

ma’ ommhom u din ghamluha cara ma’ l-istess Perit Legali fost nies ohra.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li jekk l-ulied jigu kostretti li ma jibqghux jghixu ma’ l-omm din tista’ tohloq sitwazzjoni li jkollha effett trawmatiku akbar fuq it-tfal milli gia kellhom bis-sitwazzjoni matrimonjali tal-genituri taghhom. Certament li din il-Qorti ma hijiex ser tfittex dan u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma d-decizjoni tal-Perit Legali li l-istess ulied jghixu ma’ l-istess omm bl-access fuq indikat favur il-konvenut.

Illi dwar manteniment din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-provedimenti ghall-manteniment akkordati mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fejn l-attrici giet moghtija manteniment ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar ghaliha u mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar ghaz-zewg ulied minuri. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-manteniment tal-mara ghandu jieqaf b’effett immedjat anke *in vista*` ta’ l-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront taghha, pero` ghandu jithallas mantimennt ghat-tfal mill-konvenut fl-ammont ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fix-xahar, u dan sakemm kif hu spjegat aktar il-quddiem.

Illi l-introjtu tar-ragel, skond l-*accounts* li pproduca mill-2001 sal 2003 urew tnaqqis drastiku fil-qliegh tieghu, u dan skond kif xehed l-istess konvenut hu attribwibbli ghal problemi matrimonjali. Qal ukoll li kien hemm zmien fejn dahhal anki ghaxar t’elef lira Maltin (Lm10,000). Din il-Qorti hi tal-fehma illi minghajr dubbju darba li s-sitwazzjoni matrimonjali tigi risolta, il-konvenut ikun iktar mohhu fix-xoghol u ghalhekk obbligat u kapaci jaghmel l-almu tieghu biex jmantni lil uliedu b’mod sodisfacenti kif qed jigi propost. Illi din il-Qorti hi tal-fehma li tifhem illi l-attrici ma tahdimx ghalkemm uriet li kapaci tahdem. *Inoltre* din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ma ghandhiex tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali u ghalhekk trid issib fejn tirrisjedi mat-tfal liema fond ghandu jkun sodisfacenti ghall-bzonnijiet tal-ulied.

Illi ghalhekk sabiex it-tfal ma jbatux, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu jissoministra s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fix-xahar ghat-tfal ghall-perjodu ta' sena mid-data effettiva meta l-attrici tohrog mid-dar konjugali b'effett ta' din is-sentenza u dan biex jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' eventwali kirja mill-attrici u sabiex tazzetta ruhha bit-tfal fl-istess residenza; wara tali sena kkalkulata mid-data meta l-attrici effettivament ma tiqbghax tghix fid-dar sallum matrimonjali, tali manteniment ghall-istess minuri ghandu jigi ridott ghall-mitejn lira Maltija (Lm200) fix-xahar b'dan li sa dak iz-zmien l-attrici tkun sabet xoghol u tkun tista' tikkontribwixxi hija wkoll ghall-manteniment ta' l-istess minuri. Sakemm l-istess attrici effettivament tibqa' tghix fid-dar konjugali, anke kontra dak provdut f'din is-sentenza l-manteniment ghall-minuri ghandu jibqa' ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) fix-xahar.

Illi din il-Qorti thoss li fi kliem il-Perit Legali l-attrici trid taghmel l-almu taghha kollu biex issib xoghol u fond alternattiv ta' residenza minnufih u sadanittant is-servizzi socjali jkunu qed jipprovdu forma ta' assistenza socjali kif jaghmlu f'kazijiet simili, altrimenti l-Qorti jista' jkun kostretta li tiehu provvedimenti ohra jekk tara li t-tfal ikunu qed ibatu minn xi nuqqas attribwibbli lil omm fis-sens hawn spejgat. F'dan il-kuntest l-Agenzija Appogg *tramite social worker* taghha ghandha timmonitorja din is-sitwazzjoni kif ukoll il-mod u stat li bih ikunu qed jinzammu t-tfal u f'dan l-ahhar aspett dan il-*monitoring* ghandu jissusisti ghal perjodu ta' almenu sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata xolta b'effett mid-data ta' din is-sentenza; izda jinghad li d-dar matrimonjali hi parafernali tar-ragel u hija proprjeta` tieghu tant li nxtrat minnu bhala art qabel iz-zwieg. Il-konvenut jixhed li applika ghall-*plot* tal-Gvern u nghatatlu. Iz-ziju tieghu, il-perit Genovese gablu l-permessi necessarji. Inbniet ukoll qabel iz-zwieg fejn skond il-konvenut ha hsieb kollox hu w anki hareg ukoll il-flus kollha u billi l-flus ma servewhx ghamel self fuqha ta' xi erba' t'elef lira Maltin (Lm4,000) mill-Lohombus

Corporation, li thallsu *in parte* waqt iz-zwieg. L-attrici tixhed biss li kienet marret mieghu il-Lands japplikaw ghall-art pero` ma jirrizultax li hi f'xi hin ikkontribwiet finanzjarjament ghad-dar izda biss li kienet tghinu waqt li kien ikun jahdem fid-dar. Illi din il-Qorti hi tal-fehma li *stante* li l-attrici ma hi ser tippercepixxi xejn mid-dar, allura dan id-dejn jew parti minnu ma ghandux jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b'dan ghalhekk li l-istess dar hija proprjeta` parafernali tal-konvenut u l-istess konvenut ghandu jkun unikament u esklussivament responsabbli ghal kull dejn li hemm fl-istess dar. L-attrici hija ordnata sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza tohrog mill-istess dar.

Illi fil-komunjoni ta' l-akkwisti hemm il-kumpanija BSA Limited li fiha huma azzjonisti fi kwoti ndaqs il-kontendenti u li tikkomprendi n-negozju ta' *mechanic* li jiggestixxi l-konvenut. Din il-kumpanija giet istitwita fl-*1993* circa u ghandha bhala proprjeta` mmobiljari l-*garage* BSA *Garage*, Triq il-Parsott, Mosta mixtri fit-22 ta' Jannar 1993. Fuq dan il-*garage* l-konvenut issellef sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) minghand il-genituri tieghu li skond skrittura privata datata 19 ta' Novembru 1996, Dok "DC 3", dawn ghandhom jitnaqqsu minn sehmu mill-wirt. F'dan il-*garage* hemm l-attrezzi ta' *mechanic* u ghodda.

Illi fil-komunjoni hemm ukoll tlett vetturi cioe` Opel Cadet CAP 183; Vauxhall Cavalier IAJ 646 u Hyundai Pony li skond ma qal il-konvenut qeghda fil-*garage* bil-hsara. Hemm ukoll dghajsa Fletcher numru ta' registrazzjoni S-8650.

Illi rigward il-mobbli tad-dar il-partijiet jaqblu biss illi l-attrici gabet maghha fiz-zwieg il-kamra tal-pranzu u s-salott li ghalhekk huma parafernali taghha. Il-konvenut jallega li l-kcina u l-kamra tas-sodda u l-*living room* huma tieghu filwaqt li l-attrici tallega li l-ghamara kollha saru minnha jew il-genituri taghha. Billi ma hemmx qbil u minghajr provi cari l-presunzjoni hi li tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-kcina, kamra tas-sodda u *living room* huma tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi rigward flus il-bank il-provi huma pjuttost frammentarji u li jirrizulta bi ftit kjarezza hu illi fil-Bank of Valletta hemm *joint account* b'bilanc ta' lira Maltija u tlett centezmi (Lm1.03); *overdraft account* (BSA *designated*) b'bilanc ta' xi tlett mija u zewg liri Maltin (Lm302) pero` mhux stabbilit hux *in credit* jew *debit*; u zewg kontijiet f'isem l-attrici a favur tat-tfal b'bilanc fihom ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150). Fl-HSBC kien hemm tlett kontijiet tal-attrici li nfethu fl-2001 u nghalqu minnha fl-2002.

Illi saru zewg relazzjonijiet, wahda mill-Perit Valerio Schembri dwar il-propjeta` mmobiljari u l-ohra mill-perit tekniku Vincent Ciliberti dwar il-mobbli kollha.

Illi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ma ghandha jmissha xejn mid-dar matrimonjali li ghandha tibqa' propjeta` esklussiva tal-konvenut b'kull dejn li jista' jkun hemm marbut maghha u dan ghar-ragunijiet gja msemmija.

Illi rigward il-*garage* fi Triq il-Parsott, dan hu l-fond li minnu hu gestat in-negozju tal-konvenut. Inxtara fiz-zwieg pero` l-genituri tal-konvenut tawh sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) li kellhom jitnaqqsu mill-wirt tieghu. Ma jkunx jaghmel sens li dan jinqasam jew jinbiegh ghax hu l-mezz ta' introjtu principali tal-konvenut u l-mezz li minnu jista' jissomministra manteniment lil uliedu. Ghalhekk dan il-*garage* ghandu jibqa' proprjeta` tal-kumpanija BSA Limited pero` l-konvenut irid jikkompensa lill-attrici bis-somma ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) (nofs il-valur tal-fond kif stmat wara li jitnaqqsu l-flus tal-genituri tal-konvenut) parti minn sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti liema somma ghandha tithallas lill-attrici fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, bl-imghax legali li jibda jiddekorri b'effett mill-istess terminu ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. L-ishma li hemm fil-kumpanija BSA ghandhom u qed jigu trasferiti f'isem il-konvenut *stante* li din il-kumpanija tiggestixxi n-negozju tal-konvenut u l-*garage* hu f'isimha.

Illi rigward l-ghodda, attrezzi u mobbli fl-imsemmi *garage* li jidhru bin-numru 1 sa 10 fl-istima ta' Vincent Ciliberti dawn

jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u wkoll ghandhom jinzammu mill-konvenut ghax bzonjuzi ghal xoghlu, b’dan li bhala kumpens ghall-istess il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Illi hemm ukoll it-tlett vetturi elenkati bhala numri 11 sa 13 kif ukoll id-dghajsa elenkata minn Vincent Ciliberti fin-numru 33.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha zzomm il-vettura Opel filwaqt li l-konvenut izomm iz-zewg vetturi ‘l ohra cioe il-Hyundai u l-Cavalier kif ukoll id-dghajsa, u l-konvenut ghandu jikkompensa lill-attrici bis-somma ta’ elf, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) (cioe` d-differenza fil-valuri maqsuma) bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament.

Illi rigward il-bqija tal-ghamara, l-kamra tal-pranzu, cioe` dawk il-bicciet elenkati bin-numri 51, 52, 53 kif ukoll is-salott elenkat fin-numru 55 huma parafernali tal-mara, u ghandha tehodhom hi. Il-bqija tal-oggetti elenkati mill-espert tekniku huma tal-komunjoni kif gia sottomess aktar ‘il fuq fir-rapport peritali u ghandhom jinqasmu kif gej, cioe l-attrici tiehu l-affarijiet elenkati fin-numri 15, 21, 22, 29, 36, 37, 42, 57, 58, 59, 68, 71, 74, 75, 76, 77, 84 u 88.

Illi l-konvenut ghandu jiehu l-affarijiet kollha ‘l ohra. *Nonostante* d-disparita` fl-ammonti cioe` l-valur li ha l-konvenut hu ikbar, pero` l-kwalita tal-affarijiet moghtija lill-attrici jidhru ahjar u ghalhekk hemm din id-disparita`. Rigward l-affarijiet li ma nghatawx valur ghax mhux disponibbli u ma jirrizultax fejn qeghdin, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi ‘n kwantu ghall-kontijiet fl-HSBC dawn ghandhom jibqghu a favur l-attrici li f’isimha qeghdin u l-konvenut jiehu kull bilanc li fadal fil-kont tal-BOV u l-kont f’isem il-kumpanija BSA Limited *stante* li din il-kumpanija ghandha tibqa’ registrata f’ismu biss.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod kompatibbli ma' dak fuq deciz, **tichad is-sitt talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda biss fis-sens li t-tkissir taz-zwieg kien imputabbli unikament ghall-attrici stess minhabba l-adulterju taghha u wkoll peress li hija hija hatja *verso* l-konvenut ta' eccessi, sevizzi u ngurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser b'mod irremedjabbli.

(2) Tilqa' t-tieni talba biss fis-sens li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri C u D ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, b'dan pero` li t-tfal ghandhom jibqghu jabitaw mal-omm skond fejn tkun qed tirrisjedi hi b'access ghall-missier kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4.30p.m. u 6.30p.m. u darba l-Hadd u darba is-Sibt b'mod alternattiv, gimgha il-Hadd u gimgha s-Sibt, mill-10.00a.m. sas-6.00p.m; fil-Milied u l-ewwel tas-sena alternattivament bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m; fil-*birthdays* tat-tfal darba mal-missier u darba mal-omm. Fil-vaganzi tas-Sajf il-missier izomm it-tfal mieghu ghal gimaghtejn mill-15 sal 31 ta' Awissu, b'access ghal omm f'dak il-perjodu kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-4.30p.m. sas-6.30p.m. b'dan pero` li dan l-access fis-Sajf ghaz-zmien hawn limitat isehh jekk il-minuri jaqblu ma' l-istess.

Illi minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri b'dan li ghandha tara li l-istess minuri jkollhom u jkunu jafu b'din l-ghajnuna li qed tinghata lilhom fl-interess suprem taghhom u wkoll tawtorizza lill-Agenzija Appogg li tidderigi lill-partijiet u lill minuri sabiex jekk ikun il-kaz isegwu korsijiet adatti ta' terapija u/jew ghajnuna li l-istess Agenizja Appogg toffri

ghall-istess koppja u minuri, u dan a spejjez taz-zewg partijiet.

(3) Tichad din it-talba fil-konfront ta’ l-attrici anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** izda tilqa’ t-talba ghall-manteniment tal-minuri fis-sens hawn indikat b’dan li din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghall-istess uliedu l-ammont ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fix-xahar (nofs l-ammont indikat ghal kull wild) ghat-tfal ghall-perjodu ta’ sena mid-data effettiva meta l-attrici tohrog mid-dar konjugali b’effett ta’ din is-sentenza; wara tali sena, kkalkulata mid-data meta l-attrici effettivament ma tiqbax tghix fid-dar, sallum matrimonjali, tali manteniment ghall-istess minuri ghandu jigi ridott ghall-mitejn lira Maltija (Lm200) (nofs l-istess ammont ghal kull minuri) fix-xahar. Sakemm l-istess attrici effettivament tibqa’ tghix fid-dar konjugali, anke jekk kontra dak provdut f’din is-sentenza l-manteniment ghall-minuri ghandu jibqa’ biss ta’ mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) fix-xahar.

Illi f’dan il-kuntest u *in vista* ta’ dak li qed jigi deciz f’din is-sentenza l-Agenzija Appogg *tramite social worker* taghha ghandha timmonitorja din is-sitwazzjoni kif ukoll il-mod u stat li bih ikunu qed jinzammu t-tfal u f’dan l-ahhar aspett dan il-*monitoring* ghandu jissussisti ghal perjodu ta’ almenu sentejn mid-data ta’ din is-sentenza.

(4)  Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

(5) Tillikwida l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti b’dan minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba dak fuq deciz tassenja lill-konvenut l-ishma u x-*shares* kollha fis-socjeta` BSA Limited, inkluz ghalhekk l-proprjeta` tal-*garage* bl-isem *BSA Garage,* Triq il-Parsott, Mosta, b’dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-genituri tieghu kull dejn fuq indikat dovut lilhom ghas-self maghmul minnhom sabiex jigi akkwistat l-istess *garage* u l-konvenut ghandu wkoll jhallas lill-attrici bhala sehema mill-komunjoni ta’ l-akkwisti s-somma ta’ sbatax-il elf lira Maltija (Lm17,000),

liema somma ghandha tithallas lill-attrici fi zmien tlettin gurnata mid-data ta' din is-sentenza bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) li jibda jiddekorri b'effett mill-istess terminu ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament; l-istess attur qed jigi assenjat ukoll l-ghodda, attrezzi u mobbli li jinsabu fl-istess *garage* indikati bin-numru 1 sa 10 fl-istess ta' Vincent Ciliberti b'dan li bhala kumpens l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament; l-attur qed jigi assenjat ukoll il-vetturi Hyundai u Cavalier u d-daghjsa, b'dan li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ultejuri ta' elf, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) ukoll bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament; u fl-ahharnett l-oggetti kollha mobbli, l-konvenut qed jigi assenjat il-mobbli kollha l-ohra li ma gewx indikati u assenjati lill-attrici permezz ta' din is-sentenza. B'kollox ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma globali ta' tmintax-il elf lira, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm18,850).

Illi l-attrici qed tigi assenjata l-kamra tal-pranzu cjoe' l-bicciet elenkati bin-numru 51, 52, u 53 u s-s-salott indikat bin-numru 55 bhala parafernali taghha u wkoll l-oggetti elenkati mill-espert tekniku fin-numri 15, 21, 22, 29, 36, 37, 42, 57, 58, 59, 68, 71, 74, 75, 76, 77, 84 u 88 tar-relazzjoni tieghu, flimkien mal-vettura Opel Cadet CAP 183 u s-somma ta' tmintax-il elf lira, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm18,850) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) kif indikat f'din is-sentenza sal-effettiv pagament.

Illi l-kontijiet bankarji f'HSBC li huma f'isem l-attrici ghandhom jibqghu f'idejn l-attrici, u l-bilanc li fadal fil-kont tal-BOV u l-kont f'isem il-kumpanija BSA Limited ghandhom jibqghu tal-konvenut *stante* li l-kumpanija baqghet irregistrata f'ismu.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-dar numru ghoxrin (20) Triq il-Fenici, Santa Margerita Mosta, l-istess dar hija proprjeta` parafernali tal-konvenut u l-istess konvenut ghandu jkun unikament u esklussivament responsabbli ghal kull dejn li

hemm fl-istess dar inkluz kull dejn li hemm mal-banek u l-istess konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta’ l-istess dejn inkluz kull kont ghas-servizzi li jezistu fl-istess dar. Il-konvenut ghandu d-dritt li jghix eskussivament fl-istess dar bl-esklussjoni ta’ l-attrici li hija ordnata sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza tohrog mill-istess dar b’uliedha u bl-oggetti mobbli li gew assenjati lilha permezz ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-effetti personali taghha u dawk ta’ wliedha, *stante* li skond din is-sentenza l-istess minuri gew awtorizzati li skond ix-xewqa taghhom jghixu ma’ ommhom.

6. Tichad din it-talba stante li ma hemmx lok li jigi applikati kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-procedura quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili kontra l-attrici, b’dan pero` li l-ispejjez tal-perizji teknici u ta’ l-Agenzija Appogg jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant**, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata ghall-istess kontro-talba in kwantu dawn huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, filwaqt li **tichad it-tielet talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu, tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-istess konvenut fil-kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

(1) Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fis-sens li t-tkissir taz-zwieg kien imputabbli unikament ghall-attrici minhabba l-adulterju taghha u wkoll peress li hija hija hatja *verso* l-konvenut ta’ eccessi, sevizzi u ngurji gravi li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli.

(2) Tilqa’ t-tieni talba biss fis-sens li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri C u D ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, b’dan pero` li t-tfal ghandhom jibqghu jabitaw mal-omm skond fejn tkun qed tirrisjedi hi b’access ghall-missier kull

nhar ta’ Tlieta u Hamis bejn l-4.30p.m. u 6.30p.m. u darba l-Hadd u darba s-Sibt b’mod alternattiv, gimgha il-Hadd u gimgha s-Sibt, mill-10.00a.m. sas-6.00p.m; fil-Milied u l-ewwel tas-sena alternattivament bejn l-10.00 a.m. u s-6.00 p.m; fil-*birthdays* tat-tfal darba mal-missier u darba mal-omm. Fil-vaganzi tas-Sajf il-missier izomm it-tfal mieghu ghal gimghatejn mill-15 sal 31 ta’ Awissu, b’access ghall-omm f’dak il-perjodu kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mill-4.30.p.m. sas-6.30.p.m. b’dan pero` li dan l-access fis-Sajf ghaz-zmien hawn limitat isehh jekk il-minuri jaqblu ma’ l-istess.

Illi minhabba c-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex timmonitorja u tissorvelja s-sitwazzjoni fl-interess ta’ l-istess minuri b’dan li ghandha tara li l-istess minuri jkollhom u jkunu jafu b’din l-ghajnuna li qed tinghata lilhom fl-interess suprem taghhom u wkoll tawtorizza lill-Agenzija Appogg li tidderigi lill-partijiet u lill minuri sabiex jekk ikun il-kaz isegwu korsijiet adatti ta’ terapija u/jew ghajnuna li l-istess Agenizja Appogg toffri ghall-istess koppja u minuri, u dan a spejjez taz-zewg partijiet.

(3) Tichad din it-talba b’dan li din il-Qorti u minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghall-istess uliedu l-ammont ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fix-xahar (nofs l-ammont indikat ghal kull wild) ghat-tfal ghall-perjodu ta’ sena mid-data effettiva meta l-attrici tohrog mid-dar konjugali b’effett ta’ din is-sentenza; wara tali sena kkalkulata mid-data meta l-attrici effettivament ma’ tiqbax tghix fid-dar, sallum matrimonjali, tali manteniment ghall-istess minuri ghandu jigi ridott ghall-mitejn lira Maltija (Lm200) (nofs l-istess ammont ghal kull minuri) fix-xahar. Sakemm l-istess attrici effettivament tibqa’ tghix fid-dar konjugali, anke jekk kontra dak provdut f’din is-sentenza l-manteniment ghall-minuri ghandu jibqa’ biss ta’ mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) fix-xahar.

Illi f’dan il-kuntest u *in vista* ta’ dak li qed jigi deciz f’din is-sentenza l-Agenzija Appogg *tramite social worker* taghha ghandha timmonitorja din is-sitwazzjoni kif ukoll il-mod u

stat li bih ikunu qed jinzammu t-tfal u f'dan l-ahhar aspett dan il-*monitoring* ghandu jissussisti ghal perjodu ta' almenu sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

(4) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

(5) u (6) Tilqa' dawn it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu b'dan illi tillikwida l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti b'dan minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba dak fuq deciz tassenja lill-konvenut l-ishma u x-*shares* kollha fis-socjeta` BSA Limited, inkluz ghalhekk l-proprjeta` tal-*garage* bl-isem *BSA Garage,* Triq il-Parsott, Mosta, b'dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-genituri tieghu kull dejn fuq indikat dovut lilhom ghas-self maghmul minnhom sabiex jigi akkwistat l-istess *garage* u l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici bhala sehma mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-somma ta' sbatax-il elf lira Maltija (Lm17,000), liema somma ghandha tithallas lill-attrici fi zmien tlettin gurnata mid-data ta' din is-sentenza bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) li jibda jiddekorri b'effett mill-istess terminu ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament; l-istess attur qed jigi assenjat ukoll l-ghodda, attrezzi u mobbli li jinsabu fl-istess *garage* indikati bin-numru 1 sa 10 fl-istess ta' Vincent Ciliberti b'dan li bhala kumpens l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament; l-attur qed jigi assenjat ukoll il-vetturi Hyundai u Cavalier u d-daghjsa b'dan li ghandu jhallas lill-attrici s-somma ultejuri ta' elf, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) ukoll bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament; u fl-ahharnett l-oggetti kollha mobbli, l-konvenut qed jigi assenjat l-mobbli kollha l-ohra li ma gewx indikati u assenjati lill-attrici permezz ta' din is-sentenza. B'kollox ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma globali ta' tmintax-il elf lira, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm18,850).

Illi l-attrici qed tigi assenjata l-kamra tal-pranzu cjoe' l-bicciet elenkati bin-numru 51, 52, u 53 u s-s-salott indikat bin-numru 55 bhala parafernali taghha u wkoll l-oggetti elenkati mill-espert tekniku fin-numri 15, 21, 22, 29, 36, 37, 42, 57, 58, 59, 68, 71, 74, 75, 76, 77, 84 u 88 tar-relazzjoni tieghu, flimkien mal-vettura Opel Cadet CAP 183 u s-somma ta' tmintax-il elf lira, tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm18,850) skond kif indikat iktar il-fuq f'din is-sentenza bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) kif indikat f'din is-sentenza sal-effettiv pagament.

Illi l-kontijiet bankarji f'HSBC li huma f'isem l-attrici ghandhom jibqghu f'idejn l-attrici, u l-bilanc li fadal fil-kont tal-BOV u l-kont f'isem il-kumpanija BSA Limited ghandhom jibqghu tal-konvenut *stante* li l-kumpanija baqghet irregistrata f'ismu.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-dar numru ghoxrin (20) Triq il-Fenici, Santa Margerita Mosta, l-istess dar hija proprjeta` parafernali tal-konvenut u l-istess konvenut ghandu jkun unikament u esklussivament responsabbli ghal kull dejn li hemm fl-istess dar inkluz kull dejn li hemm mal-banek u l-istess konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta' l-istess dejn inkluz kull kont ghas-servizzi li jezistu fl-istess dar. Il-konvenut ghandu d-dritt li jghix eskussivament fl-istess dar bl-esklussjoni ta' l-attrici li hija ordnata sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza tohrog mill-istess dar b'uliedha u bl-oggetti mobbli li gew assenjati lilha permezz ta' din is-sentenza flimkien ma' l-effetti personali taghha u dawk ta' wliedha, *stante* li skond din is-sentenza l-istess minuri gew awtorizzati li skond ix-xewqa taghhom jghixu ma' ommhom.

(7) Tilqa' din it-talba b'dan li dwar l-istess tirreferi ghal dak indikat *in vista* tal-hames (5) u s-sitt (6) talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu u partikoralment ghal dak indikat fir-rigward tal-fond ghoxrin (20) Triq il-Fenici, Santa Margerita, Mosta.

(8) Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra l-attrici rikonvenuta, b'dan pero` li l-ispejjez tal-perizji teknici u ta' l-Agenzija Appogg jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet. Tordna wkoll li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------